QORTI KOSTITUZZJONALI

IMHALLFIN

S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI
ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016

Numru 2

Rikors Numru 14/11 JZM

Robert Ciantar

v.

L-Onorevoli Prim Ministru; L-Avukat Generali;
Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u
b'digriet tat-23 ta' Mejju 2013
"Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"
inbidel ghal Direttur Generali
(Taxxa fuq il-Valur Mizjud)",
Il-Kummissarju tal-Pulizija

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimati minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fid-29 ta' Ottubru 2015 li inghatat fi proceduri li jirrigwardaw dispozizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud [Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta].

2. Fis-sentenza taghha dik il-Qorti iddecidiet billi: [A] cahdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari li, rispettivament jirrigwardaw il-*locus standi* tal-intimat Onorevoli Prim Ministru, l-interess guridiku tar-rikorrent sabiex jattakka l-validità kostituzzjonali u konvenzjonali tal-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406 u l-ezawriment tar-rimedji ordinarji disponibbli; [B] cahdet it-talba numru 1 peress li ma sabitx li l-imsemmi Artikolu 83[3] tal-Kap. 406 jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni]; [C] cahdet parti mit-talba numru 2 peress li ma sabitx li l-imsemmi artikolu jikser l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni], filwaqt li laqghet it-tieni parti tat-tieni talba peress li sabet li l-Artikolu 83[3] jikser l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; [D] cahdet parti mit-talba numru 3 peress li qieset li d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 406 dwar l-imghax u l-penali amministrattivi, indikati minnu fir-rikors promotur[1], m'humiex vjolattivi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; [E] laqghet parti mit-talba numru 3 u iddikjarat li l-impozizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ta' imghax u penali amministrattivi skont id-dispozizzjonijiet indikati fir-rikors promotur, hija leziva tad-dirtt fundamentali tieghu protett fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; [F] astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-

[1] Fir-rikors promotur ir-rikorrenti jsemmi wkoll l-artt. 2, 31, 33, 34, 36, 37, 38, 40, 41, 42, 44, 58, 59, 67, 68 u 76, tal-Kap.406 li jirrigwardaw in-normi dwar il-penali amministrattivi; isemmi wkoll l-artt.21 u 67 tal-istess Kap. li jirrigwardaw in-normi dwar l-imghax.

talbiet numru 4, 5, 6 u 12 li jirrigwardjaw il-validità o meno tal-impozizzjoni tas-*short term penalties* riferribbilment ghall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u ghall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u l-ghoti ta' rimedju, direttiva u kumpens xieraq; [G] cahdet it-talbiet numru 7, 8, 9 u 10 li rispettivament jirrigwardjaw talba ghall-kancellament u/jew tnaqqis tal-imghaxijiet legali u penali amministrattivi imposti fuq ir-rikorrent, talba sabiex jigi dikjarat li rizultat tal-ksur fuq indikat ir-rikorrent sofra danni li ghandhom jigu likwidati mill-Qorti, talba sabiex jigu mhallsa lir-rikorrent id-danni hekk likwidati kif ukoll kumpens xieraq fissat mill-Qorti u talba sabiex jigi dikjarat li fil-konfront tar-rikorrent inkiser id-dritt kundamentali kontemplat fl-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni[2]; [H] laqghet it-talba numru 11 u ordnat it-thassir tas-sentenzi moghtija fil-konfront tar-rikorrent mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [il-Qorti tal-Magistrati] fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Robert Ciantar** fejn ir-rikorrent gie misjub hati u hassret ukoll id-digrieti li permezz taghhom il-multi imposti minn dik il-Qorti gew konvertiti f'piena karcerarja; b'kull parti tbati l-ispejjez taghha tal-proceduri.

<u>Fatti</u>

3. Jirrizulta mill-provi illi r-rikorrent naqas milli jissottometti d-denunzji tal-VAT ghall-perjodu bejn Gunju 2002 u Gunju 2003 u bejn

[2] Li jipprojibixxi prigunerija ghal dejn

Settembru 2002 u Marzu 2009. Ghal tali nuqqas gew imposti fuqu multi amministrattivi da parti tad-Dipartiment tal-VAT, konsistenti f'*late return penalty* li tiskatta meta ma tigix sottomessa d-denunzja, kif ukoll *short payment penalty* li tiskatta meta ma jithallasx l-ammont kollu tat-taxxa dovut lill-istess Dipartiment, u dan oltre l-imghax ta' 1%, li mill-1 ta' Jannar 2009 nizel ghal 0.75% fix-xahar.

4. Mid-dokument prezentat[3], jirrizulta li r-rikorrent ghad ghandu jhallas lid-Dipartiment: taxxa fl-ammont ta' €16,232.07; *late return penalty* fl-ammont ta' €8,974.14; *short payment penalty* fl-ammont ta' €25,751.66, u imghax fl-ammont ta' €16,102.31, b'kollox €67,060.18.

5. Jirrizulta wkoll li fis-26 ta' April 2007, il-Qorti tal-Magistrati sabet lir-rikorrent, bhala direttur tas-socjetà Ciantar Construction Limited, hati talli naqas milli jissottometti d-denunzji tal-VAT ghall-perjodu bejn Gunju 2002 u Gunju 2003 u ikkundannatu jhallas multa ta' mitt Lira (Lm100) u, fin-nuqqas li jottempra ruhu fi zmien tliet xhur, kellu jehel multa addizzjonali ta' sitt Liri (Lm6) kuljum.

6. Fit-22 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali regghet sabet lir-rikorrent hati talli naqas milli jissottometti d-denunzji tal-VAT ghall-perjodi bejn Settembru 2002 u Marzu 2009, u ikkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€900) u, fin-

[3] Dok.PS1 prezentat fis-26 ta' Marzu 2013 u li gie redatt fil-24 ta' Marzu 2013 – Fol.156

nuqqas li jottempra ruhu fi zmien tliet, xhur kellu jehel multa addizzjonali ta' hmistax-il Euro (€15) kuljum.

7. Fil-15 ta' Ottubru 2009, huwa nstab hati talli naqas milli jottempra ruhu mal-ewwel decizjoni u gie immultat tlett elef sitt mija u hamsa u sebghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€3,675.75), liema multa giet konvertita f'prigunerija.

8. Illi fl-iskema mhabbra fil-Budget tas-sena 2012 u b'referenza ghall-avviz legali relattiv, jigifieri AL 456/2011 ir-rikorrent b'ittra datata 7 ta' Marzu 2010 kien gie informat li l-bilanc totali dovut minnu lid-Direttur intimat kien fl-ammont ta' €61,531.14, rapprezentanti: €45,281.07 multi amministrattivi u imghaxijiet; u €16,232.07 ammont ta' taxxa dovuta li huwa seta' jibbenefika minn tnaqqis ta' €36,224.86 mis-somma dovuta ta' €45,281.07, jigifieri tnaqqis ta' 80% mill-ammont komplessiv tal-multi amministrattivi u imghaxijiet, biex b'hekk is-somma dovuta tigi ridotta ghal €9,056.21. Ir-rikorrent pero` ghazel li ma juzufruwixxix minn dik l-iskema.[4]

Talbiet

9. Fis-succint ir-rikorrent talab li l-Qorti tiddikjara li l-Artikolu 83[3] tal-Kap. 409 jikser id-drittijiet fundamentali tieghu kontemplati fl-Artikolu 39

[4] PS 13 ittra datata 7 ta' Marzu 2012 – Fol.82

tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; li d-dispozizzjonijiet l-ohra indikati minnu fir-rikors promotur huma lezivi tad-dritt fundamentali tieghu protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; li s-*short payment penalties* jiksru d-drittijiet tieghu kontemplati fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; li l-Qorti tikkancella jew tnaqqas l-imghaxijiet u l-penali amministrattivi, kif ukoll tillikwida d-danni sofferti minnu minhabba l-ksur allegat minnu, u tiffissa wkoll kumpens xieraq ghal-lezjoni; li l-konverzjoni tal-penali imposta mill-Qorti tal-Magistrati f'wahda ta' prigunerija ghal dejn hija leziva tad-dritt fundamentali kontemplat fl-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni; li thassar is-sentenzi u d-digriet moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati.

Is-Sentenza Appellata

10. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu fil-Qorti. Ighid li in segwitu huwa mar id-Dipartiment tal-VAT sabiex ihallas dak li kien dovut. Hemm kien infurmat li kellu multi xi jhallas fl-ammont ta` €58,000. Jixhed illi kien mar ghandu membru tal-korp tal-pulizija, li qallu li kellu diversi multi xi jhallas ; qallu wkoll li jekk ma kienx ser ihallas dawk il-multi, kien se jmur il-habs. Stqarr illi ma kienx f`qaghda finanzjarja li jhallas f`daqqa l-ammont li kien pretiz minnu. Mistoqsi mill-Qorti kemm –il darba deher il-Qorti dwar din l-kwistjoni tal-VAT, ir-rikorrent wiegeb li deher darbtejn biss. Fil-Qorti, meta ammetta l-akkuzi, ma kienx assistit minn avukat ghaliex ma setax

ihallas. Fil-Qorti, huwa ammetta li ma kienx dahhal returns tal-VAT. Xehed illi l-Qorti qaltlu sabiex imur d-Dipartiment. U hekk ghamel. Mistoqsi jekk kienx talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex l-ammont ta` €3,675 jithallas ratealment, ir-rikorrent wiegeb illi kien ghamel dik t-talba, u l-Qorti accettat li jhallas permezz ta` pagamenti mensili. Gara pero` li ma setax ilahhaq mal-pagamenti ghaliex il-hlasijiet ta` kull xahar kienu gholjin. Ikkonferma li huwa baqa` ma hallasx l-€3,675.

"**Fil-kontroezami**, ir-rikorrent ikkonferma li ma kienx appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

"Ippreciza illi l-ewwel akkuza li fuqha deher il-Qorti kienet fl-2007 waqt li t-tieni wahda kienet fl-2009. Qal li kien hemm persuna li kienet harbet minn Malta, u ma pprezentax r-returns tieghu ; u lanqas ma hallas il-flus dovuti. Dwar it-tieni akkuza ma kellux xi jghid, ghaliex dak hu li fil-fatt, gara u wehel multa. Qal li mar id-Dipartiment tal-VAT u talabhom sabiex jaghtuh r-returns kollha li ma kienux imdahhlin. Mela r-returns fuq it-taghrif li kellu ; hafna mit-returns kienu zero u pprezenthom. Dan gara wara s-sentenza tal-Qorti tal-2009. Mid-Dipartiment tal-VAT kienu qalulu illi kien hemm madwar € 16,000 taxxi u l-bqija sa € 50,000 kienu multi. Ipprezenta dokument li tawh mid-Dipartiment tal-VAT li fih hemm spjegazzjoni tal-ammonti li kellu jhallas. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ghamel xi tentattiv sabiex jirranga mad-Dipartiment, ix-xhud wiegeb illi ghamel tentattiv u spjega lin-nies tad-Dipartiment illi kien ghaddej minn mument hazin minhabba mard fil-familja.

"**Paul Scicluna** mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud xehed illi l-ewwel multa li giet imposta fuq r-rikorrent kienet fis-26 ta` April 2007, u kienet tammonta ghal Lm 100. Kien inghata tliet xhur sabiex ihallas u fin-nuqqas kien se jkun hemm multa ta` Lm 6 kuljum. Din l-multa kienet giet imposta ghaliex ma kienux intbaghtu d-denunzji tal-2002 u tal-2003. Wara li ghaddew t-tlett xhur, ir-rikorrent kien soggett ghal din l-multa addizzjonali. Id-Dipartiment rega hareg akkuza fil-konfront tar-rikorrent ; taghha wehel €3,675.75. Din l-multa kienet tkopri z-zmien ta` bejn is-27 ta` Lulju 2007 u l-14 ta` April 2008. Ir-rikorrent ma kienx ghadu ottempera ruhu u ghalhekk hargu akkuzi ohra. In segwitu kien hemm akkuza ohra fl-2009 fejn ir-rikorrent kien instab hati u wehel multa ta` €900. Fisser illi l-kazi li jkun hemm quddiem l-Qorti tal-Magistrati jkunu bbazati fuq it-taxxa dikjarata mill-individwu u ma jikkoncernawx penali jew interessi. Hija l-Qorti li tinfliggi l-multa u mhux d-Dipartiment. Mistoqsi mill-Qorti jekk persuna ghandhiex rimedju dwar il-penali u l-interessi, ix-xhud wiegeb illi l-persuna tkun tista` tkellem lill-Kummissarju, u jispjega c-cirkostanzi tieghu ; jekk dawn ikunu gustifikati jistghu jitnehhew, jew jitnaqqsu. Decizjoni ta` din ix-xorta hija fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju. Jekk ikun hemm rifjut, hemm rimedju tal-appell quddiem il-Bord tal-Appelli.

"Kompla jixhed illi fil-25 ta` Marzu 2002, ir-rikorrent kien applika mad-Dipartiment tal-VAT ghar-registrazzjoni tal-kumpannija Ciantar Construction Ltd. Id-Dipartment kien beda proceduri kriminali kontra r-

rikorrent ghaliex kien naqas li jissottometti d-denunzji relattivi ghaz-zmien ta` Gunju 2002, Settembru 2002, Dicembru 2002, Marzu 2003 u Gunju 2003. Fis-26 ta` April 2007, il-Qorti tal-Magistrati bhal Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent hati talli naqas li jhallas l-ammonti ddikjarati u mponiet multa ta` Lm 100. Inoltre fis-sentenza kienet imposta multa addizzjonali ta` Lm 6 kuljum fil-kaz illi wara li jghaddu tliet xhur, ir-rikorrent jibqa` inadempjenti. Il-multi huma dovuti lir-Registratur tal-Qorti skond l-Art 76 tal-Kap 406. Ghalhekk huma separati mit-taxxa dovuta lill-Kummissarju.

"Stqarr illi bhala prassi, id-Dipartiment jibghat ittra spjegattiva lil kull min jinsab hati mill-Qorti sabiex l-persuna koncernata tottempera ruhha u tevita l-multi addizzjonali.

"Kompla stqarr illi fit-22 ta` Ottubru 2009, il-Qorti sabet lir-rikorrent hati tali naqas milli jibghat d-denunzji ta` bejn Settembru 2003 u Marzu 2009, u kkundannatu jhallas is-somma ta` €900, u multa addizzjonali ta` € 15 kuljum wara d-dekors ta` tlett xhur. Ir-rikorrent kien avzat dwar dan permezz ta` ittra tat-12 ta` Novembru 2009. Billi r-rikorrent baqa` inadempjenti, id-Dipartiment kellu jibda proceduri kriminali ohra.

"Qal illi fil-15 ta` Ottobru 2009, il-Qorti sabet lir-rikorrent hati talli ma kienx obda l-ordni tal-ewwel decizjoni u ghalhekk kien immultat € 3,675.75. Din il-multa kienet tkopri z-zmien ta` bejn is-27 ta` Lulju 2007 u l-14 ta` April 2008.

"Skond ix-xhud, ir-rikorrent irid ihallas lid-Dipartiment is-somma ta` € 16,232.07 bhala taxxa mahduma fuq l-ammonti li kienu dikjarati fid-denunzji tal-kumpannija Ciantar Construction Ltd. Dment li din it-taxxa tibqa` ma tithallasx, il-multi jibqghu dovuti.

"Qal illi r-rikorrent huwa eligibbli sabiex jibbenefika minn amnestija li tissarraf f`riduzzjoni ta` massimu ta` 80% mill-penali amministrattivi u interessi imposti. Id-Dipartiment baghat ittra lir-rikorrent li tispjega dan.

"Fisser illi l-ewwel sentenza fejn ir-rikorrent kellu jhallas Lm 100 kienet deciza fis-26 ta` April 2007.

"Sostna li fil-kaz li jirrizulta li r-rikorrent ikun dahhal id-denunzja, izda ma jkunx hallas dak dovut, allura ghad-Dipartiment il-persuna jitqies daqs li kieku d-denunzja ma tkunx giet prezentata. Qal illi l-multi jigu kkalkolati meta l-persuna ddahhal d-denunzja. Ma jistax isir kalkolu ta` x`ghandu jithallas ghaliex il-penali u t-taxxi jigu kkalkolati skond kemm ikun dikjarat. Mistoqsi jekk fil-kaz tar-rikorrent kienx hemm assessments ix-xhud stqarr illi ma kienx hemm. Hemm differenza bejn stima u assessment. Ikun hemm stima meta persuna ma tipprezentax id-denunzja ; dan isir mis-sistema tal-kompjuters b`mod awtomatiku hekk kif ighalqu sitt gimghat mid-data li suppost tkun ipprezentata d-denunzja u sakemm tkun ipprezentata d-denunzja. Ikun hemm

assessment meta d-Dipartiment jahdem dak dovut skond dak li l-persuna registrata tissottometti.

“Stqarr illi fil-kaz tar-rikorrent ladarba d-denunzji kienu dahlu, il-figuri ndikati kienu kollha reali.

“**Alfred Caruana Petit**, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-VAT, ikkonferma l-fatti li xehed dwarhom Paul Scicluna.

“**Fil-kontroezami**, ix-xhud stqarr illi huwa ma jafx lir-rikorrent u ma kellu x`jaqsam xejn mal-kaz tieghu.

“Qal illi d-dokument a fol 71 juri l-bilanc li ghandha taghti l-kumpannija Ciantar Construction Limited fis-27 ta` Gunju 2011. Sa dakinhar il-bilanc kien ta` €59,779.69 : minnhom €16,232.07 kienu t-taxxa dovuta ; €8,974.14 kienu *late return penalty* ; €21,092.39 kienu *short payment penalty* u €13,481.09 kienu interessi.

“Qal illi *late return penalties* jigu mposti meta l-persuna tibghat id-denunzja tard, waqt li *short payment penalties* jigu mposti meta persuna tibghat denunzja tard u ghalkemm thallas t-taxxa dovuta, ikun hemm multa u interessi ghaliex d-denunzja tkun intbaghtet tard. Meta jkun hemm multi, l-ammont ta` li thallas persuna ma jmurx kontra l-kont tal-VAT izda l-ewwel jithallsu l-interessi, segwiti mill-multi, u fl-ahhar tinqata` t-taxxa. Dan kollu huwa regolat bl-Art 67 tal-Kap 406.

“Ikkonferma illi dak li kien qieghed jigi kontestat fil-kawza tal-lum kien imur lura ghall-2002 u 2003. Dak iz-zmien ir-rata tal-interessi kienet 1% fix-xahar. Muri l-ewwel kopja tad-denunzja ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Frar 2002 u t-30 ta` Gunju 2002 li dahlet fit-30 ta` Jannar 2004, jidhru zewg timbri tad-Dipartiment : l-ewwel wiehed tat-23 ta` Jannar 2004; u l-iehor it-30 ta` Jannar 2004. Mat-timbru tat-23 ta` Jannar 2004, hemm miktub ukoll “*cash office without payment*” li jfisser illi tkun dahhlet d-denunzja minghajr pagament. Fil-kaz li persuna ma tkunx pprezentat id-denunzja, id-Dipartiment jaghmel *audit assessments*.

“Muri d-dokument a fol 52, ix-xhud stqarr illi dak huwa *ledger statement* tal-kont tat-*taxpayer* u juri kif inbena l-kont tar-rikorrent mad-Dipartiment.

“Ix-xhud ipprezenta l-*estimated assessments* relattivi ghar-rikorrent. L-ewwel grupp ta` perijodi tat-taxxa, u cioe` dawk ta` bejn it-30 ta` Gunju 2002 u t-30 ta` Gunju 2003, ma kienux waslu sal-4 ta` Ottobru 2004 ; din tal-ahhar kienet id-data meta d-Dipartiment baghat il-*letter to prosecute* lill-Pulizija. Fil-kaz tal-perijodi tat-taxxa l-ohra, il-*letter to prosecute* ma kenitx fil-file tad-Dipartiment. Il-kolonna fejn hemm “*estimated tax date*” hija d-data li fiha l-computer ikun hareg l-*estimated assessment*. Ghalhekk meta tiskatta d-data ta` maturita ta` meta ghandha tidhol id-denunzja, tinhadem awtomatikament l-*estimated tax*. Meta l-computer johrog b`dawn l-*estimated assessments*, johorgu wkoll

il-multi u l-interessi. Is-*short payment penalty* tinhadem mill-computer billi jqis kemm kellha tidhol taxxa, u jekk jara li jkun dahal ammont inferjuri minn dak mistenni, hemm tinhadem multa fuq id-differenza.

"Ipprezenta wkoll dokument li juri kemm kienet t-taxxa li harget wara *estimated assessment*, kemm kienu l-multi u l-interessi, u l-bilanc finali f`kull data. Stqarr illi s-*short payment penalties* ma kienux thassru u li dawn fis-17 ta` Lulju 2012, kienu jammontaw ghal €23,976.70 ; sad-29 ta` Ottobru 2012, dawn is-*short payment penalties* kienu telghu ghal €24,642.31. Id-dokument a fol 127 huwa t-total ta` dawn s-*short payment penalties*. Fid-dokument a fol 123, hemm *late return levy* tal-4 ta` Ottobru 2004, li tammonta ghal € 2,623.68 ; imbaghad hemm *late return levy* ohra tal-5 ta` Lulju 2009, li tammonta ghal € 19,937.95. Fid-dokument ma hemmx *late payment penalty* imma hemm *levy*. Ma setax jispjega id-differenza bejn *late payment penalty* u *late return levy*.

"Spjega illi jekk persuna ma tibaghtx d-denunzja, il-ligi tiffissa figura bhala multa li ghandha tithallas u m`hemmx percentwali. Kif jidher mid-dokument a fol 127, hemm numru ta` penalitjiet regolari li jammontaw ghal €37.76. Imbaghad kienet saret emenda fil-ligi u dawn saru €23.29 ; imbaghad fl-2008 saru €23. Dawn il-penali jigu mposti mill-ewwel malli persuna ma tibghatx id-denunzja.

"Dwar l-imghax fuq it-taxxa (mhux fuq il-multi) qal illi r-rata li kienet ta` 1% fix-xahar nizlet ghal 0.75% fix-xahar.

"**<u>Connie Azzopardi</u>** mid-Dipartiment tal-VAT xehdet illi kontra dak li xehed ir-rikorrent fis-seduta tas-16 ta` Jannar 2012, wara dik d-data, huwa ma kienx dahhal aktar denunzji ; bil-preciz ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` April 2011 sal-31 ta` Marzu 2012 ; u ta` bejn l-1 ta` April 2012 sal-31 ta` Marzu 2013.

"Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehdet illi meta ma tidholx id-denunzja, il-persuna tibqa` tehel il-multi sakemm tidhol. L-imghax jiskatta minn meta kellha tidhol id-denunzja.

"III. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>

"1) <u>Ir-rikorrent</u>

"Ighid illi l-ilment tieghu huwa bbazat fuq il-mod kif kien penalizzat bhala konsegwenza li naqas mill-obbligi tieghu skond il-Kap 406.

"Ighid illi ghaliex naqas li jibghat erbgha u ghoxrin (24) denunzja mit-30 ta` Settembru 2003 sal-21 ta` Marzu 2009 huwa garrab dawn il-mizuri punittivi :

"i) Multa amministrattiva imposta mekkanikament mid-Dipartiment malli jiskadi t-terminu sabiex tidhol l-formula, maghrufa bhala *late return.* Hija multa li tkun imposta kull xahar sakemm tidhol d-denunzja

u tigi kkalkolata b`rata ta` imghax 1% fix-xahar fuq l-*estimated tax* li johrog id-Dipartiment ;

“ii) Multa amministrattiva ohra mposta mekkanikament mid-Dipartiment malli jiskadi t-terminu sabiex tidhol il-formula u ma jkunx sari l-hlas dovut, maghrufa bhala *late payment.* Il-multa tigi mposta kull xahar sakemm tidhol d-denunzja bil-pagament u tigi kkalkolata b`rata ta` imghax ta` 1% fix-xahar a bazi tal-istima ;

“iii) Rata ta` imghax li qabel 1 ta` Jannar 2009 kienet ta` 1% fix-xahar, u wara nizlet ghal 0.75% fix-xahar ;

“iv) Multa ta` Lm 100 imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali talli fil-kapacita` tieghu ta` direttur tas-socjeta` naqas li jibghat d-denunzji tat-30 ta` Gunju 2002, 30 ta` Settembru 2002, 30 ta` Dicembru 2002, 31 ta` Marzu 2003 u 30 ta` Gunju 2003 ;

“v) Multa ta` €900 impost mill-istess Qorti talli naqas li jibghat d-denunzji ghall-perijodi ta` bejn Settembru 2003 u Marzu 2009 ;

“vi) Multa ta` €3,675.75 bir-rata ta` Lm 6 kuljum ghaz-zmien ta` bejn is-27 ta` Lulju 2007 sal-14 ta` April 2008 li giet ikkonvertita fi prigunerija.

“Dan kollu kien ikkonfermat mill-ufficjali tad-Dipartiment Alfred Caruana Petit u Paul Scicluna.

“Jikkontendi illi l-parti l-ohra taghmel distinzjoni bejn multi “amministrattivi” u dawk gudizzjarji. Ghalkemm taghmel din id-distinzjoni, jirrizulta xorta wahda li sehh ksur tal-principju ta` “*ne bis in idem*” u dak tal- proporzjonalita` tal-piena. Fil-fatt fil-kaz tieghu kien hemm ksur ta` dawn il-principji ghaliex ghall-istess trasgressjoni garrab il-konsegwenzi ghal sitt darbiet. Ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet “**John Geranzi Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni et**” tat-30 ta` Novembru 2012. Inoltre huwa kien ikkastigat b`mizuri penali qabel ma kien ipprocessat kriminalment.

“Inoltre ighid illi kien assoggettat ghal imghax b`rata li hija rizervata ghad-Direttur Generali, Taxxi Interni, li fl-ezercizzju taghha tippermetti l-uzura. Ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet “**Clayton Communications Company Limited vs l-Onorevoli Prim Ministru**” deciza fit-8 ta` Mejju 2009. Isostni illi huwa sofizmu li jinghad li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn kien imposta multa ta` Lm 6 kuljum mhijiex relatata mal-istess nuqqasijiet fl-akkuzi kontra tieghu. Ma kienux dawn multi mposti minhabba disprezz tal-Qorti jew it-tnehhija ta` xi molestja izda huma biss mizura ohra harxa talli persuna ma jkun irregola ruhu. Il-konsegwenza hija li persuna ssib ruhha assoggettata ghall-hlas ta` multi “amministrattivi” b`imghax

komplessiv ta` 3% fix-xahar ossia 36% fis-sena. Skond ir-rikorrent din hija sistema ghal kollox immorali li tohloq diffikoltajiet insormontabbli.

“**2) <u>L-intimati</u>**

“<u>Dwar il-penali amministrattivi</u>, l-intimati jghidu li r-rikorrent kien eligibbli li jibbenefika mill-iskema tal-amnestija li kienet stipulata fil-budget tal-2012 sa massimu ta` 80% mill-penali u l-interessi li kienu mposti. Pero` r-rikorrent baqa` passiv u ghazel li ma joqghod barra mill-iskema. Inoltre wara li dahal fis-sehh l-Att XIV tal-2013, kull persuna li kienet soggetta ghal multa kriminali minhabba nuqqas ta` ottemperanza mal-Kap 406 tista` tibbenefika minn riduzzjoni qawwija u/jew tnehhija shiha tal-multi imposti, dment li d-denunzji jkunu sottomessi lid-Dipartiment, anke minghajr sprovvisti mill-hlas dovut. Ghalhekk fir-rigward tad-denunzji li pprezenta r-rikorrent minghajr hlas se jkunu tnehhew il-multi mposti.

“<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari</u>, issir riferenza ghas-sentenzi : “**<u>H. Vassallo &</u> Sons Limited vs Avukat Generali et**” deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Settembru 2011 ; “**<u>Anthony Pace vs Avukat Generali</u>**” deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta` Novembru 2001 ; u “**<u>Paul Fenech et vs Kummissarju tal-Artijiet</u>**” deciza minn din il-Qorti fil-31 ta` Mejju 2006.

“<u>Dwar it-tieni eccezzjoni preliminari</u>, jigi rilevat illi r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu d-dritt ta` appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Lanqas ma ghazel ir-rikorrent li jitlob riferenza kostituzzjonali. Quddiem il-Qorti, ir-rikorrent ammetta l-akkuzi kollha dedotti kontrih u b`dik l-ammissjoni kien qieghed jaccetta li ma kien hemm xejn irregolari fil-proceduri istitwiti kontra tieghu [ara : “**<u>Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs</u>**” (16 ta` Jannar 2006) ; “**<u>Green et vs Avukat Generali et</u>**” (13 ta` April 2007) ; “**<u>Xuereb et vs Direttur tax-Xogholijiet et</u>**” (27 ta` Frar 2009) ; u “**<u>Briffa vs Kummissarju tal-Pulizija</u>**” (14 ta` Gunju 1995) decizi mill-Qorti Kostituzzjonali].

“<u>Dwar il-mertu</u>, l-intimati jikkontendu li b`dan il-procediment, ir-rikorrent qieghed jittenta forma ta` appell :-

“i) Ma jistax jinghad li kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent stante li t-taxxa fuq il-valur mizjud kellha tingabar mir-rikorrent ghan-nom tal-Gvern minghand il-konsumatur skond kif jipprovdi l-Kap 406 ;

“ii) Ma jistax jinghad li r-rikorrent ma kellux access ghal gustizzja ghax fil-fatt ghazel li volontarjament jammetti l-akkuzi ;

“iii) It-taxxa fuq l-valur mizjud kienet mahduma abbazi ta` dikjarazzjonijiet li ghamel l-istess rikorrent ;

"iv) Ghalkemm ir-rikorrent ipprezenta d-denunzji tard, ghadu sal-lum ma hallasx l-ammont dovut bhala taxxa fuq il-valur mizjud ;

"v) Bhala direttur u rapprezentant legali tal-kumpannija, huwa kien responsabbli li joqghod mal-obbligi u d-doveri mposti mill-Kap 406. Ghalkemm ittanta jghid li kellu problema mal-accountant, ir-rikorrent ma ghamilx il-prova ta` dan ;

"vi) Ir-rikorrent ghazel li ma jibbenefikax mill-amnestija dwar il-hlas tal-penali amministrattivi ;

"viii) Bid-dhul fis-sehh tal-Att XIV tas-sena 2003, ghal dak li ghandu x`jaqsam ma` denunzji prezentanti, anke jekk ma sarx hlas, il-multi se jitnehhew ;

"ix) Kien ritenut diversi drabi mill-ECHR illi materji konnessi mat-taxxa ma jaqghux taht it-tisfira ta` "*drittijiet u obbligi civili*" skond l-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni jew "*ta` drittijiet civili u ta` obbligu tieghu*" skond l-Art 6(2) tal-Konvenzjoni (ara : "**Ferrazini vs Italy**" deciza fit-12 ta` Lulju 2001 ; u "**Vilko Eskelissen vs Finland**" deciza fit-19 ta` April 2007)

"Dwar l-ilment tar-rikorrent li ma kienx hemm smigh xieraq, l-intimati jghidu lid an l-ilment mhuwiex sostenibbli ghaliex mhuwiex minnu li l-penalitajiet amministrattivi skattaw mekkanikament u/jew gew imposti minghajr ebda process li jissodisfa s-smiegh xieraq. Ai termini tal-Art 44(k) tal-Kap 406, jekk ikun hemm xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar l-imposizzjoni ta` penali amministrattiva, dik il-kwistjoni tista` tigi riferuta lill-Bord tal-Appelli dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. L-allegazzjoni tar-rikorrent li l-penali amministrattiva kif ukoll l-imghax ghandhom jitqiesu bhala penalitajiet ta` natura kriminali hija nkorretta. L-Art 76 sa 84 tal-Kap 406 jipprovdu b`mod car ghar-reati u pieni kriminali li jistghu jigu mposti wara li jkun hemm kundanna mill-Qrati. Id-Direttur Generali m`ghandux is-setgha li jimponi penali ta` natura kriminali ; inoltre jekk il-legislatur ried li l-penali u l-imghax ikunu meqjusa bhala reat kriminali, kien jinkludihom fost dawk id-disposizzjonijiet.

"Effettivament il-multi li gew mposti mill-Qorti tal-Magistrati huma l-konsegwenza tas-sejbien ta` htija ghal reat kriminali, u bhala tali huma dovuti lir-Registratur tal-Qrati. Ghalhekk dawn huma differenti mil-penali u imghax dovuti lid-Direttur Generali skond l-Art 2(4) u l-Art 38 sa 41 tal-Kap 406.

"Ghal dak li jirrigwarda d-danni li allegatament sofra r-rikorrent, dawn huma unikament konsegwenza diretta tal-agir u passivita` tieghu stess u mhumiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimati.

"Billi r-rikorrent qed jibbaza l-istanza tieghu fuq allegat ksur tal-principju ta` *ne bis in idem*, allura l-Art 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax. Fil-kaz ta` **Ruotsalainen** l-ECHR qalet :-

“3. The applicant complained that the failure to comply with the non bis in idem rule also amounted to a violation of Article 6 of the Convention.

“4. The Court notes that the principle is embodied solely in Article 4 of Protocol No. 7 ; the other provisions of the Convention do not guarantee compliance with it either expressly or implicitly (see Ponsetti and Chesnel vs France [dec], cited above). It follows that this part of the application is incompatible ratione materiae with the provisions of the Convention withint the meaning of Article 35§3 and must be rejected in accordane with Article 35§4 ;

“Dwar l-allegat ksur tal-element tal-proporzjonalita` l-intimati jirrimarkaw illi mhuwiex minnu li l-Art 83(3) tal-Kap 406 huwa sproporzjonat. Il-kawza “**Affaire Mamidakis vs Greece**” citata mir-rikorrent ma tghoddx ghall-kawza tal-lum ghaliex dak il-kaz kien jittratta dwar fatti u cirkostanzi ben diversi minn dawk tal-lum. Effettivament fl-Art 83(3) hemm rabta ta` proporzjonalita` ragjonevoli bejn il-mezzi wzati u l-iskop imfittex, kif irid l-Art 1 Prot 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni, ghaliex jekk l-applikanti registrati tad-Dipartiment huma liberi li jaghmlu li jridu bil-flus li jigbru ghan-nom tal-Gvern, minghajr ma jehlu ebda penali amministrattiva bhala deterrent, il-Gvern ikun qed jittollera li ssir misappropriazzjoni ta` flus. Il-kawza l-ohra citata “**Bulves AD vs Bulgaria**” ma ssib l-ebda riskontru mal-kaz tal-lum.

“Dwar l-allegat ksur tal-principju *ne bis in idem*, l-intimati jirritjenu li fil-kaz tal-lum ma kien l-ebda konsegwenzi kriminali dupplici. Trid tinzamm netta d-distinzjoni bejn penali amministrattivi u imghax dovut fuq naha wahda, u l-multi mposti mill-Qorti Kriminali fuq in-naha l-ohra.

“Dwar l-allegat ksur tad-dritt ghal proprjeta ghax qeghda tittiehed taxxa li ma ssib l-ebda riskontru legali huwa fil-fehma tal-intimati ghal kollox zbaljat. Ghalkemm “*short payment penalty*” ma tirrizultax b`mod specifiku fil-Kap 406, dan ma jfissrx li ma hemm l-ebda riskontru legali ghaliha. Din it-terminologija kienet adottata fir-rendikont ta` persuna registrata biex ssir distinzjoni bejnha u *late return administrative penalty*. Din tal-ahhar tiskatta ai termini tal-Art 38(1) meta persuna registrata tonqos li tibghat denunzja fit-terminu stabbilit. Il-penali amministrattiva mbaghad tigi komputata meta d-denunzja effettivament tintbaghat lid-Dipartiment u kienet tigi mposta ghal dak il-perijodu mid-data meta d-denunzja kellha tintbaghat ghal meta tkun effettivament intbaghtet. Skond l-Art 27(4), denunzja ma kenitx titqies li ntbaghtet jekkil-pagament dovut ma jkunx thallas kollu jew ma jkun sar l-ebda pagament jew ikun sar biss pagament parzjali ; f`dawn il-kazijiet kienet tiskatta s-*short payment penalty*.

“Fl-eventwalita` li persuna tkun naqset mill-obbligi taghha skond l-Att, bhal ma gara fil-kaz taht ezami, ma jfissirx li bhala konsegwenza kien hemm xi ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni. Il-fatt li r-rikorrent

ma jaqbilx li ghandu jhallas xi taxxa fuq il-valur mizjud a bazi ta` dikjarazzjonijiet li ghamel huwa stess, ma jfissirx li t-taxxa li kienet dovuta mhijiex dovuta lid-Dipartiment, tenut kont tal-fatt li r-rikorrent gabar minghand il-konsumatur it- taxxa ghan-nom tal-Gvern. Skond il-Kap 406, u l-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kwistjonijiet ta` natura fiskali m`humiex reati kriminali. Il-fatt li d-Direttur Generali jimponi penali amministrattiva u interessi fuq dawk il-persuni registrati mad-Dipartiment li ma jkunux ottemperawx ruhhom mal-Kap 406 jaqa` fil-mansjoni tieghu u ghalhekk huwa provvediment gustifikat u ragjonevoli f`socjeta demokratika.

"Dwar r-rimedji li talab ir-rikorrent, l-intimati jsostnu illi dawn imorru oltre dikjarazzjoni ta` ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Fic-cirkostanzi ta` dan l-kaz, dikjarazzjoni ta` ksur ghandha tkun sufficjenti u hija nnifsha rimedju gust u effettiv ghar-rikorrenti (ara : Qorti Kostituzzjonali: "**Il-Pulizija vs Dr. Noel Arrigo et**" deciza fid-29 ta` Ottobru 2003). Kif diga nghad l-intimati ma jaqblux li l-Artikolu 83 tal-Kap 406, b`xi mod jikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6, l-Artikolu 4 tal-Protokol 7, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 1 tar-Raba Protokol tal-Konvenzjoni.

"**IV. Sottomissjonijiet bil-fomm**

"**1) Ir-rikorrent**

"Jinsisti li d-distinzjoni li jaghmel d-Dipartiment bejn penali kriminali u penali amministrattiva hija llum estinta in vista ta` n-numru ta` kawzi li kienu decizi dwar din il-materja. Kien stabbilit illi jekk multa ghandha l-iskop li tikkastiga jew isservi bhala deterrent, dik ghandha kwalitajiet penali. Inghad ukoll illi ghal skop ta` drittijiet fundamentali ma hemm l-ebda distinzjoni bejn piena li tinghata minn qorti ta` kompetenza kriminali u piena li tigi mposta fuq individwu minn awtorita` governattiva. Ghalhekk jekk jirrizulta li persuna tkun giet assoggettata ghal pieni amministrattivi kif ukoll ghal multi fi procediment kriminali allura l-persuna tkun giet ipprocessata darbtejn (ara : "**Glance vs Finland**" deciza fil-20 ta` Awissu 2014). Ix-xhieda kienu cari fis-sens illi s-sistema hija disinjata b`mod illi tiskatta awtomatikament, minghajr l-intervent tal-bniedem ; ghalhekk kull fejn persuna ma tibghatx id-denunzji, awtomatikament tigi li jkollha thallas penali.

"Bl-azzjoni tieghu, ir-rikorrent qieghed jattakka kemm il-ligi kif ukoll l-applikazzjoni taghha. Irid ikun possibilita` ghal persuna tiddefendi ruhha bejn id-data meta ghandha tkun ipprezentata d-denunzja tardivament, sakemm jinhargu l-multi. Hemm ghandu jkun process kriminali fejn il-persuna jkollha l-possibilita` li tiddefendi ruhha. Inoltre waqt il-process kollu m`ghandux ikun hemm distinzjoni bejn piena amministrattiva u piena kriminali.

"Dwar l-amnestija, ir-rikorrent irrileva li l-amnestija ma warrbitx id-disposizzjonijiet tal-ligi.

"Illum inbidel il-mod kif jinhadmu l-interessi, izda dan ma japplikax ghar-rikorrent.

"**2) <u>L-intimati</u>**

"L-intimati jissottomettu li ghalkemm r-rikorrent qal li hemm numru ta` sentenzi li jsostnu l-kaz tieghu, m`ghamel l-ebda riferenza specifika.

"Dwar is-sentenza ta` **<u>John Geranzi Limited</u>**, ighidu li c-cirkostanzi ta` dak il-kaz kienu diversi minn dawk tal-kaz odjern. Hemm il-kawza kienet dwar taxxa fuq d-dhul waqt li fil-kawza tal-lum, si tratta ta` taxxa fuq il-valur mizjud ; is-sitwazzjonijiet huma kompletament differenti. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent gabar l-flus minghand il-konsumatur ghan-nom tal-Gvern u minflok ghaddihom lil Gvern, zamm il-flus ghalih. Fi kliem iehor, ikkommetta misapproprijazzjoni. Inoltre ir-rikorrent mhux jiddistingwi multi amministrattivi skond il-Kap 406, li hija *lex specialis*, ma` pieni kriminali ghal reati jigu mposti mill-qrati ta` kompetenza kriminali meta jsibu htija.

"Iqis ir-riferenza ghall-kaz ta` **<u>Glance vs Finland</u>** bhala mhux applikabbli ghaliex il-ligi tal-Finlandja m`ghandhiex x`taqsam mal-ligi Maltija, apparti li l-mertu huwa kompletament differenti.

"Bhala procedura, il-multi jiskattaw awtomatikament, sakemm il-persuna registrata tipprezenta d-denunzja. Huwa f`dak l-istadju li l-figuri ma jibqghux *estimated.*

"**V. <u>L-ewwel eccezzjoni</u> :**
"**<u>L-Onor. Prim` Ministru mhuwiex legittimu kontradittur</u>**

"Eccezzjoni ta` din ix-xorta kienet trattata u deciza fis-sentenza *in parte* li tat din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru et</u>**" deciza fis-17 ta` Novembru 2011.

"Il-Qorti pprovdiet hekk :–

> *"Illi l-ewwel minn fost il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid taghmel hija dwar l-**<u>eccezzjoni li l-intimat Onorevoli Prim Ministru ma hux il-kontradittur legittimu</u>** tal-azzjoni tar-rikorrent. L-intimati jsejsuha fuq dak li jrid l-artikolu 181B tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, partikolarment fis-sub-artikoli (1) u (2) tieghu ;*
>
> *"Illi l-intimati jghidu li, ghall-ghamla ta' lmenti li ressaq ir-rikorrent f'din il-kawza tieghu, ma kienx hemm ghalfejn jitharrek il-Prim Ministru wkoll. Huma jqisu li l-gudizzju huwa shih bil-prezenza tal-intimati l-ohrajn, jigifieri l-Avukat Generali, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Kummissarju tal-Pulizija. Huma jsemmu decizjoni partikolari li kienet stharrget eccezzjoni bhal din, sabitha tajba u laqghetha [P.A.*

*(Kost) RCP **10.1.2003** fil-kawza fl-ismijiet **Kenneth Brincat vs Avukat Generali et**]. Jghidu li dak li tghid dik is-sentenza jghodd ghall-kaz tal-lum ;*

*"Illi, min-naha tieghu, jishaq li l-intimat Prim Ministru dejjem ghandu locus standi f'kawza kostituzzjonali, l-aktar wahda fejn il-ksur ta' jedd fundamentali jkun gej minn ligi attakkata, u biex isahhah din il-fehma semma wkoll sentenza li nghatat dan l-ahhar [P.A. (Kost) GC **20.1.2011** fil-kawza fl-ismijiet **John Geranzi Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni et**] Meta din il-Qorti rat l-imsemmija sentenza sabet li, ghalkemm f'dik il-kawza kienet tressqet eccezzjoni bhal dik issa mistharrga, is-sentenza tittratta dwar eccezzjoni ta' xort'ohra u ghalhekk ma tghoddx ghall-kwestjoni li l-Qorti issa ghandha quddiemha;*

*"Illi l-Qorti taghraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min ghandu jwiegeb ghall-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem ilha zmien tkidd lil min ikun involut f'kawzi bhal dawn. Biz-zmien, tfasslu regoli ta' prattika biex jingharaf kontra min kawza bhal din imissha titressaq [ara : Kost. **7.12.1990** fil-kawza fl-ismijiet **Abela vs Il-Prim Ministru et** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**)]. Il-hsieb dejjem kien li eccezzjoni bhal din m'ghandhiex isservi biex jitwal il-process tas-smigh tal-ilment fil-mertu, imma biex jigi mistharreg min tassew jista' jaghti r-rimedju f'kaz li jirrizulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wiehed misthoqq [Kost. **6.8.2001** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph M. Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et**]. Mad-dhul fis-sehh fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodici tal-Procedura fl-1995, u b'mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern fil-kawzi, jidher li tqies li l-problema tal-legittimu kuntradittur kienet b'hekk twittiet darba ghal dejjem. Dan l-izjed minhabba li l-artikolu 181B ma kien jaghmel l-ebda distinzjoni dwar l-ghamla ta' procedura gudizzjarja li ghaliha kien jirreferi. Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jaghmel parti minn Titolu tal-Kodici li d-dispozizzjonijiet tieghu "jghoddu ghall-qrati kollha" [Art 193]. Din il-Qorti kif presjeduta hija wkoll tal-fehma shiha li l-kwestjoni tar-rapprezentanza tal-Gvern f'kawzi ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali hija wkoll koperta bl-imsemmija d-dispozizzjonijiet ;*

*"Illi, madankollu, jidher li l-imsemmi artikolu baqa' dejjem ma ccarax ghal kollox il-kwestjoni tal-legittimu kontradittur fejn l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kien dirett lejn ligi jew strument iehor li ghandu s-sahha ta' ligi. Il-Qrati ma jidhirx li stharrgu dan il-punt espressament, ghalkemm jidher li alludew ghalih obiter [Kost. **12.5.1997** fil-kawza fl-ismijiet **Theuma noe et vs Awtorita' tal-Ippjanar**]. Il-mistoqsija li tqum hija jekk l-artikolu 181B(2) jistax jitqies li jimla dan il-vojt ukoll. Ghall-intimati, dak l-artikolu jiehu hsieb is-sitwazzjoni ukoll fejn l-allegat ksur tal-jedd fundamentali jitnissel minn ligi. Din il-Qorti nnifisha kienet tal-fehma li l-Avukat Generali kien igawdi setgha procedurali wiesgha li jassumi fil-persuna tieghu r-rapprezentanza tal-Gvern f'kull kawza li ma tkunx tista' titressaq kontra direttur dipartimentali u tat ukoll sentenza f'dan is-sens ukoll dwar eccezzjoni simili [Kost **31.5.2006** fil-kawza fl-ismijiet **Simon Caruana vs Onorevoli Prim Ministru**] ;*

"Illi fi studju analitiku li sar dwar il-procedura "kostituzzjonali", b'riferenza ghall-portata tal-artikolu 181B, inkiteb li "It is difficult to

*think of any claim which cannot be directed against a department and it in fact appears that this amendment was inspired by the question of the representation of the Courts, or specifically Judges and Magistrates and those who somehow or other are given the faculty of judging. No other 'prohibition' of this type seems to exist. In any case, the Prime Minister is always a legitimate defendant in actions against the government" [**Mifsud Bonnici Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms (2004) pag.64**]. Din it-tifsira turi li, f'certi kazijiet, ilment ta' ksur ta' jedd fondamentali jista' jkun indirizzat lejn persuna li la hija kap ta' dipartiment governattiv u lanqas kontra l-Avukat Generali bhala rapprezentant tal-Gvern, imma lejn esponenti iehor tal-Gvern ;*

*"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min ghandu jwiegeb ghal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta' rimedju li jista' jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejalta' u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta' persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta' xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawza meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta' xi kawza f'qorti [Kost. **7.12.1990** fil-kawza fl-ismijiet **Abela vs Onor. Prim Ministru et** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**) u Kost. **6.8.2001** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et**]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni ;*

*"Illi, madankollu, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Att IX tal-2006, li dahal fis-sehh fis-7 ta' Lulju, 2006, iddahlet dispozizzjoni gdida fil-Kodici tal-Procedura [Art 242(2)], li biha huwa l-Prim Ministru direttament li jinghata s-setgha u l-fakulta' li jagixxi f'kaz fejn xi ligi tkun instabet li tikser xi jedd fondamentali ta' persuna kif imhares fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni. B'din id-dispozizzjoni gdida, jidher li saret kjarifika li fi kwestjonijiet li jolqtu s-siwi "kostituzzjonali" ta' xi ligi fis-sehh huwa l-Prim Ministru l-persuna legittima biex tindirizza r-rimedju mehtieg. Jekk dan jigi applikat ghall-kriterji ta' prassi procedurali stabiliti mill-Qorti fil-kawza ta' **Abela**, imsemmija aktar qabel (jigifieri li persuna li tista' taghti r-rimedju, ghalkemm ma tkunx il-persuna li wettqet il-fatt lamentat, titqies bhala kontradittur legittimu wkoll) allura jigi li l-Prim Ministru jsir il-legittimu kontradittur f'ilment bhal dan ;*

"Illi jekk wiehed iqis kif inhija mfassla l-ewwel talba tar-rikorrent, wiehed isib li hija l-ligi nnifisha li qieghda tkun attakkata bhala dik li biha huwa garrab ksur ta' jedd fondamentali tieghu. F'dan ir-rigward, l-intimat Onorevoli Prim Ministru jkollu locus standi fil-kawza, imqar b'riferenza ghal dik it-talba. Dan qieghed jinghad biss b'riferenza ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn f'dik it-talba u lil hinn minn kull

kunsiderazzjoni dwar is-siwi taghha jew konsiderazzjonijiet fil-mertu dwarha, li ghadu bikri wisq biex isiru f'dan il-waqt ;

"Illi ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, il-Qorti ssib li –leccezzjoni preliminari m'hijiex misthoqqa u sejra twarrabha;

"Din il-Qorti ccitat *in extenso* mis-sentenza fuq riferita ghaliex tikkondividi r-*ratio decidendi* u sejra taghmlu taghha ghall-fini tal-provvediment tal-lum.

"**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni preliminari.**

"**VI. <u>It-tieni eccezzjoni</u> :**
"**<u>Karenza ta` interess guridiku</u>**

"Skond l-intimati, il-fondatezza tal-eccezzjoni tirrizulta minn zewg materji,

"a) Mill-fatt tal-ammissjoni tar-rikorrent fil-procediment kriminali ; u

"b) Mill-fatt li r-rikorrent ma utilizzax ir-rimedju tar-riferenza kostituzzjonali ;

"Fis-sentenza "**<u>Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim` Ministru et</u>**" (op. cit.) din il-Qorti qieset b`mod akkurat eccezzjoni simili.

"Il-Qorti pprovdiet hekk :-

*"Illi dwar **l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess fir-rikorrent** l-intimati jibnu din l-eccezzjoni fuq zewg argumenti : (a) li huwa ammetta l-akkuzi li kienu saru kontrih quddiem il-Qorti tal-Magistrati u b'hekk kien qieghed jaccetta li ma kien hemm xejn irregolari f'dawk il-proceduri jew li jiksirlu xi jedd fundamentali u (b) li kieku tassew kien hemm irregolarita' li ggib ksur ta' dritt fundamentali, r-rikorrent kien messu qajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex din taghmel riferenza lil qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. Ghalhekk, billi r-rikorrent naqas li jressaq appell mis-sentenzi li nghataw kontrih, huwa jigi li m'ghandu l-ebda interess guridiku biex jibqa' jattakkahom ;*

"Illi, min-naha tieghu, r-rikorrent irribatta dawn l-argumenti billi qal li l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kienet dettata minn cirkostanzi inevitabbli u ma setax jaghmel mod iehor. B'daqshekk, ma jfissirx li l-ilmenti tieghu ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali ma jistax iressaqhom f'kawza bhal din tal-lum, jew li jkollu jaghlaq halqu ghal dejjem jekk minhabba fil-proceduri mehuda kontrih garrab xi ksur ta' xi wiehed jew aktar mill-jeddijiet fundamentali tieghu. Minbarra dan, l-gharef difensur tieghu zied jargumenta li f'kawza ta' xejra kostituzjonali wiehed ma jitkellimx dwar l-"interess" tal-parti mgarrba izda dwar l-istatus taghha ta' "vittma" ;

"Illi jidher sewwa li jinghad li f'kawza fejn persuna tallega li garrbet ksur ta' jedd fundamentali mhares mill- Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li ghandha interess guridiku biex

tiftah kawza bhal dik. Huwa biss f'kawza mahsuba taht l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni – l-hekk imsejha "actio popularis" dwar in-nuqqas ta' siwi ta' ligijiet – li m'huwiex mehtieg li l-parti attrici turi li ghandha xi interess personali biex tressaq kawza bhal dik. Mill-bqija, jidher li l-principji li jistabilixxu x'ghandu jkun dan l-interess f'kawza "ordinarja" japplikaw ukoll ghall-kawzi taht din il-procedura specjali ta' ksur ta' dritt fundamentali [P.A. (Kost.) RCP ***19.10.2000*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Victoria Cassar vs Awtorita' Marittima ta' Malta****] Ukoll jekk wiehed kellu jqis is-sottomissjoni tal-gharef difensur tar-rikorrent dwar l-istatus ta' "vittma" f'kaz bhal dan, l-istess parti mgarrba trid turi li hija tassew "vittma" u dan jikkostitwixxi l-interess guridiku taghha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bhal din ;*

"Illi dan ifisser li, kif inghad ghadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu u kif ukoll attwali [P.A. ***20.1.1950*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Watson vs Sacco*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIV.ii.453****19], u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq [P.A.* ***27.3.1990*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Muscat et vs Buttigieg*** *(Kollez. Vol:* ***LXXIV.iii.481****]. Illi l-interess guridiku f'parti attrici huwa dak li l-imharrek jirrifjuta jew jonqos li jaghraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha [App. Kumm.* ***2.4.1993*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Farrugia et vs Buhagiar*** *(Kollez. Vol:* ***LXXVII.ii.98****] ;*

"Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita' u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd [App. Civ. ***13.2.1953*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Manche' vs Montebello*** *(Kollez. Vol:* ***XXXVII.i.56****] b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi [P.A.* ***7.1.1953*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Camilleri vs Sammut*** *(Kollez. Vol:* ***XXXVII.ii.605****]. Kien minhabba f'dan il-principju li ghadd ta' sentenzi cahdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali [App. Civ.* ***8.6.1942*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Cortis vs Bonello*** *(Kollez. Vol:* ***XXXI.i.218****] ;*

"Illi gie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att tal-kawza nnifisha [App. Civ. ***3.12.1984*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Borg vs Caruana*** *u l-ghadd ta' sentenzi hemm imsemmija] u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawza tinfetah, ghandu ghall-anqas jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat [App. Civ.* ***12.12.1983*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** *(mhix Pubblikata)] ;*

"Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li ghandu juri l-attur biex isostni l-kawza, inghad ukoll li fil-prattika gudizzjarja wiehed jista' jressaq kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definitiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament [PA. ***12.3.1946*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Balluci vs Vella Gera noe*** *(Kollez. Vol:* ***XXXII.ii.****257 u App. Civ.* ***4.12.1944*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Xuereb vs Petrococchino***

*(Kollez. Vol: **XXXII.i.540**]. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawza ta' accertament tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' tinfetah 'il quddiem [P.A. **10.10.1966** fil-kawza fl-ismijiet **Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**) ;*

*"Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv [P.A. **13.10.1952** fil-kawza fl-ismijiet **Axiaq vs Mizzi noe et** (Kollez. Vol : **XXXVI.ii.532**] imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku [App. Civ. **15.12.1932** fil-kawza fl-ismijiet **Scolaro vs Bailey** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**] ;*

*"Illi, minhabba li kawza dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diga' nkiser jew qieghed jinkiser b'xi ghamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-bizgha tal-ksur ta' dak il-jedd, johrog li f'kaz bhal dan l-element tal-interess guridiku jiehu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita'. Dan m'ghandux ikun ta' xkiel ghall-applikazzjoni tal-principji fuq imsemmija, ghaliex l-interess guridiku mistenni xorta wahda jirrizulta fejn, fil-kaz konkret u mhux semplicement ipotetiku, il-ksur ravvizat ikun wiehed rejali u imminenti [Kost. **30.5.2003** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph maghruf bhala Nadia Hili vs L-Avukat Generali et**] ;*

"Illi lanqas ma jintilef dan l-interess jekk il-parti mgarrba ma taghzilx li tqajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" huma u ghaddejjin proceduri ohrajn li mbaghad minnhom wiehed jilminta minn ksur ta' xi jedd fundamentali. It-tqanqil tal- "kwestjoni kostituzzjonali" hija fakultativa, u l-ghazla li parti f'kawza li ma tinqediex biha (ghaliex, wara kollox, ir-riferenza m'hijiex tal-parti li tqajjimha izda tal-Qorti li taccetta li tirreferi l-kwestjoni) ma twaqqafx ir-rimedju li dik il-parti tadixxi lil din il-Qorti direttament ghal rimedju taht l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(1) tal- Kapitolu 319 ;

"Illi ghalhekk, lanqas din l-eccezzjoni ma hija tajba u l-Qorti m'hijiex sejra tilqaghha;

"Ghal darb`ohra, din il-Qorti ccitat *in extenso* mis-sentenza fuq riferita ghaliex tikkondividi r-*ratio decidendi* li jirrigwarda din it-tieni eccezzjoni. Ghalhekk sejra taghmlu taghha ghall-fini tal-provvediment tal-lum.

"**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni eccezzjoni preliminari.**

"**VII. <u>It-tielet eccezzjoni</u> :**
"**<u>In-non uzu ta` rimedji ordinarji</u>**

"Il-Qorti tkompli ticcita mis-sentenza "**<u>Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim` Ministru et</u>**" (op. cit.) billi kellha quddiemha eccezzjoni simili.

"Il-Qorti pprovdiet hekk :-

"Illi ***dwar it-tielet eccezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji*** *li kellu jedd ghalihom, l-intimati jghidu li r-rikorrent naqas li jressaq appell mis-sentenzi moghtijin kontra tieghu. L-atti juru li tassew dan huwa l-kaz ;*

"Illi, min-naha tieghu, ir-rikorrent jghid li, fil-kaz tieghu, l-appell ma kienx jaghti rimedju effettiv ghall-ilmenti tieghu, ghaliex il-Qorti li quddiemha seta' jsir appell ma setghetx taghtih ir-rimedji li tista' taghti din il-Qorti f'kaz li ssib li tassew garrab ksur ta' xi jedd fundamentali minn dawk li semma fir-rikors promotur tieghu ;

"Illi jidher li din l-eccezzjoni hija stedina maghmula mill-intimati biex din il-Qorti tapplika l-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal- Ligijiet ta' Malta ;

"Illi l-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" taghzel li ma twettaqx is-setghat fuq il-bazi li l-parti rikorrenti kellha rimedji ohrajn "ordinarji" huma llum il-gurnata stabiliti b'mod konsistenti mill-qrati Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha toqghod terga' tfissirhom, u tillimita ruhha biex tirreferi ghas-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju, 2005, fil-kawza ***Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs*** *- Rik. Kost. Nru. 22/05 JRM, li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti ghadha zzomm l-istess principji kif muri f'decizjonijiet li nghataw dan l-ahhar dwar l-istess eccezzjoni [Kost.* ***31.10.2007*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** *(Rik. Kost. 44/06)] ;*

"Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju iehor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat [Kost ***5.4.1991*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** *(Kollez. Vol:* ***LXXV.i.106****)]. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se' jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci [P.A. Kost.* ***9.3.1996*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Clifton Borg vs Kummissarju tal-Pulizija*** *(mhix pubblikata)]. L-ezistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piz tal-prova biex jikkonvinci lil din il-Qorti biex taghzel li ma tezercitax is-setghat taghha biex tisma' l-kawza ;*

"Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha ghad-dispozizzjoni taghha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta wahda jibqaghlha dejjem id-diskrezzjoni li taghzel li tibqa' tisma' l-kawza. L-ezistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawza kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuza trid tkun wahda prudenti u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja [P.A. Kost VDG ***9.2.2000*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et*** *(mhix pubblikata)]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuza meta r-rikorrent ikun jidher li tassew ghandu disponibbli ghalih rimedju li, kieku uzat kif imiss, jista' jaghtih il-harsien tal-jedd li f'kawza bhal din jghid li qieghed igarrab ksur tieghu [Kost.* ***9.10.2001*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et*** *(Kollez. Vol:* ***LXXXV.i.268****) u Kost.*

> ***27.2.2003** fil-kawza fl-ismijiet **Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.48**)] ;*
>
> *"Illi meta l-Qorti tigi biex tapplika l-principji hawn fuq imfissra ghall-kaz li ghandha quddiemha ssib li ma nghatatx ragunijiet tajbin bizzejjed biex taghzel li ma twettaqx is-setghat specjali taghha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali taghha u lanqas li jekk kemm-il darba r-rikorrent tassew appella mis-sentenzi moghtijin kontrih mill-Qorti tal-Magistrati, dan kien sejjer jistharreg l-ilmenti kollha (u wisq anqas jaghtih rimedju effettiv) li huwa ressaq fir-rikors promotur tieghu;*

"Din il-Qorti tikkondividi dan ir-*ratio decidendi* u sejra taghmlu taghha ghall-fini tal-provvediment tal-lum.

"**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tielet eccezzjoni preliminari.**

"**VIII. <u>Dritt</u>**

"**Id-disposizzjonijiet tal-Kap 406 li ghandhom <u>rilevanza</u> ghall-accertament tal-mertu tat-talbiet tar-rikorrent huma :-**

"**1) <u>L-Art 83</u>**

"Dan jaqra:-

> *"(1) Ma ghandhom jinbdew ebda procedimenti taht din it-Taqsima hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-procedimenti hekk mibdija jistghu f`kull zmien qabel is-sentenza finali jigu rtirati fuq talba tal-Kummissarju.*
>
> *"(2) Minkejja id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali jkollu l-jedd ta` appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati dwar procedimenti kriminali taht din it-Taqsima.*
>
> *"**(3) Il-bidu ta` procedimenti jew l-impozizzjoni ta` piena ghal xi reat taht din it-Taqsima ma ghandhomx jehilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taht xi ligi ohra jew mill-obbligu ta` hlas ta` xi taxxa jew penali amministrattiva li ghandha jew li jista` jkollha taht dan l-Att u l-bidu ta` procedimenti jew l-impozizzjoni ta` xi piena ghal xi reat taht xi ligi ohra jew il-hlas ta` xi taxxa jew penali amministrattiva taht dan l-Att ma ghandhomx jehilsu lil xi persuna minn xi prosekuzzjoni jew piena taht din it-Taqsima.***
>
> *"(4) L-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u tal-Att dwar il- Probation ma ghandhomx japplikaw dwar xi sejbien ta` htija taht dan l-Att.*
>
> *"(5) Fi procedimenti kriminali taht din it-Taqsima jew taht xi regolamenti maghmula taht dan l-Att, il-Kummissarju personalment jew kull ufficjal iehor li jissemma` minnu jista`, minkejja d-disposizzjonijiet ta` kull ligi ohra, igib il-provi, jittratta u b`kull mod iehor imexxi il-prosekuzzjoni minflok il-Pulizija jew flimkien maghhom.*

"(6) Jekk tkun tenhtieg bhala parti mill-kaz tal-prosekuzzjoni ix-xiehda tal-Kummissarju jew ta` xi ufficjal kif imsemmi qabel huwa ghandu jinstama` qabel ma jibda` iwettaq id-dmirijiet ta` ufficjal prosekutur kemm-il darba il-htiega li jaghti xiehda ma tqumx fi stadju ulterjuri tal-procedimenti : izda l-Kummissarju jew ufficjal iehor kif imsemmi qabel jista` isemmi l-fatti li jikkostitwixxu r-reat qabel ma jaghti xiehda.

"**2) <u>It-tifsira ta` "penali amministrattiva</u>"**

"Fl-Art 2, "penali amministrattiva" nghatat it-tifsira bhala –
penali mposta skont id- disposizzjonijiet tat-Taqsima V.

"**3) <u>L-Art 76</u>**

"Dan jaqra:-

"Kull persuna li -

"(a) tonqos milli japplika ghal registrazzjoni fiz-zmien u bil-mod mehtiega bl-artikolu 10 jew 12 ;

"(b) tonqos milli zzomm jew taghti kull dokumentazzjoni, dokument u kontijiet ghaz-zmien u bil-mod mehtieg b`dan l-Att jew b`kull regolament maghmul bis-sahha tieghu ;

"(c) tonqos milli taghmel denunzja ta` taxxa meta tkun mehtiega taghmel dan bis-sahha ta` dan l-Att ;

"(d) tonqos milli taghmel denunzja addizzjonali, dikjarazzjoni jew taghti taghrif jew li ggib kotba, dokumentazzjoni, dokumenti u kontijiet, jew tonqos milli thallas xi taxxa jew penali amministrattiva meta tkun mehtiega taghmel dan bis-sahha ta` dan l-Att jew ta` kull regolament maghmul bis-sahha ta` dan l-Att;

"(e) tforni prodotti jew servizzi u li tonqos li tipprovdi dik il-garanzija mitluba mill-Kummissarju skont l-artikolu 63(5),

"tkun hatja ta` reat u tehel, meta tinstab hatja, multa ta` mhux inqas minn seba` mitt euro (€700) u mhux izjed minn tliet elef u hames mitt euro (€3,500) u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-qorti ghandha, fir-rigward ta` reat skont il-paragrafu (c), tordnalha biex tikkonforma ruhha mal-ligi fi zmien bizzejjed biex tkun tista` taghmel dan, izda f'kull kaz mhux iktar minn tliet xhur, u fin-nuqqas min jaghmel ir-reat ikollu jhallas multa ohra ta' hames euro (€5) ghal kull gurnata li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien moghti mill-qorti :

"Izda persuna li taghmel ir-reat tista', sa zmien tletin gurnata mid-data tad-decizjoni finali, taghmel rikors lill-Qorti li sabitha hatja, u titlob mahfra shiha jew parzjali tal-penali imposta taht dan l-artikolu. Il-Qorti tista' tikkoncedi mahfra shiha jew parzjali ta' din il-penali kemm il-darba l-prosekuzzjoni, bi qbil bil-miktub mal-Kummissarju li ghandu jkun maghmul ma' kull risposta ghal tali rikors, taqbel ma' dan ir-rikors.

Kull rikors bhal dan ghandu jigi notifikat lill-prosekuzzjoni li ghandha tirrispondi fi zmien hmistax-il gurnata xoghol minn meta tigi notifikata."

"**4)** **<u>L-Art 31</u>**

"Dan jaqra -

"(1) Meta persuna li ghandha l-obbligu li tibghat denunzja ta` taxxa taht l-artikolu 27 ghal zmien ta` taxxa tonqos milli taghmel dik id-denunzja il-Kummissarju jista` jaghmel stima tal- output tax u t-tnaqqis ghal dak iz-zmien u tal-penali amministrattiva li ghaliha tkun giet suggetta dik il-persuna u jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna f`kull zmien wara li jghaddi z-zmien li fih kellha tintghamel dik id-denunzja skont dan l-Att u mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem tal-imsemmi zmien ta` taxxa.

"(2) Stima maghmula ghal zmien ta` taxxa ta` persuna skont dan l-artikolu ma ghandhiex tehles lil dik il-persuna mill-obbligu li taghmel denunzja ghal dak iz-zmien u mir-responsabbiltà ghall- hlas ta` kull penali amministrattiva jew penali amministrattivi ohra skont id-disposizzjonijiet relevanti ta` dan l-Att.

"(3) Meta tintghamel denunzja ghal zmien ta` taxxa wara li tkun saret stima skont is-subartikolu (1) il-Kummissarju jista` jhassar dik l-istima minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu li jaghmel stima ohra skont id-disposizzjonijiet l-ohra ta` dan l-Att.

"(4) It-thassir ta` stima kif imsemmi qabel ma ghandux jehles lil dik il-persuna li tkun ghamlet dak in-nuqqas milli tkun suggetta ghal penali amministrattiva skont id-disposizzjonijiet l-ohra ta` dan l-Att."

"**5)** **<u>L-Art 38</u>**

"Dan jaqra –

"(1) Kull persuna registrata taht l-artikolu 10 li, meta tkun mehtiega taghmel denunzja ghal zmien ta` taxxa, tibqa` ma taghmilx dik id-denunzja fiz-zmien stipulat fid-disposizzjonijiet relevanti ta` dan l-Att tkun dovuta thallas penali amministrattiva f`ammont ekwivalenti ghal dak li jkun oghla minn -

"(a) wiehed fil-mija tal-eccess, jekk ikun hemm, tal-output tax fuq it-tnaqqis, minghajr ma jinghata kont ta` xi kreditu eccessiv migjub `il quddiem minn zmien ta` taxxa ta` qabel, kif dikjarat f`dik id-denunzja ; u

"(b) *ghoxrin euro (€20),*

"ghal kull xahar jew parti minn xahar li jiskadi mid-data meta kellha ssir id-denunzja skont dan l-Att u d-data meta din tinghata lill-Kummissarju:

"Izda meta t-taxxa pagabbli tkun inqas minn mitejn u hamsin euro (€250), dik il-penali amministrattiva ma ghandhiex teccedi l-

ekwivalenti tat-taxxa pagabbli ghall-eqreb euro jew hamsin euro (€50), liema ammont ikun l-akbar, u ma ghandhiex teccedi l-mitejn u hamsin euro (€250) f`kull kaz iehor.

"(2) Kull persuna li, meta tkun mehtiega li taghmel dikjarazzjoni jew stqarrija skont l-artikolu 30, ma taghmilx dik id- dikjarazzjoni jew stqarrija fil-limitu ta` zmien imnizzel fid- disposizzjonijiet relevanti ta` dan l-Att tkun suggetta ghal penali amministrattiva ta` ghaxar euro (€10) ghal kull xahar jew parti minn xahar li jiskadi mid-data meta kellha ssir id-dikjarazzjoni jew stqarrija skont dan l-Att u d-data meta din tinghata lill- Kummissarju :

"Izda dik il-penali amministrattiva ma ghandha fl-ebda kaz teccedi mija u ghoxrin euro (€120) ghal kull dikjarazzjoni jew stqarrija bhal dik.

"**6)** **<u>L-Art 42</u>**

"Dan jaqra -

"(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikoli 37 sa 41, it-tnejn inkluzi -

"(a) l-ebda penali amministrattiva ma ghandha tkun dovuta minn persuna ghal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skuzanti ragonevoli ghal dak in-nuqqas ;

"(b) jekk persuna ma turix li hemm skuzanti ragonevoli ghal xi nuqqas, izda l-Kummissarju jkun tal-fehma li n-nuqqas irrizulta minn cirkostanzi partikolari li jkun jisthoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattiva, huwa jista`, fid-diskrezzjoni tieghu, jahfer parti mill-penali amministrattiva ghal dak in-nuqqas ;

"(c) jekk il-Kummissarju jkun tal-fehma li dak in-nuqqas irrizulta minn zball genwin huwa jista` jahfer ghal kollox jew parti mill-penali amministrattiva ghal dak in-nuqqas ;

"(d) l-ebda penali amministrattiva ma ghandha tkun dovuta skont l-artikolu 38 meta denunzja mehtiega li ssir skont l-artikolu 27 jew dikjarazzjoni mehtiega li ssir skont l-artikolu 30(1) tkun mibghuta b`mezz elettroniku permezz tal-portal elettroniku hekk indikat ghal dan il-ghan mill-Kummissarju, flimkien mal-hlas dovut fuq id-denunzja, mhux aktar tard minn sebghat ijiem mid-data li tali denunzja jew dikjarazzjoni kellha tkun mibghuta skont id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att.

"(2) Ghall-finijiet tas-subartikolu (1)(a) u (b) -

"(a) il-fatt li ma jkunx hemm fondi bizzejjed mnejn tithallas xi taxxa dovuta ; jew

"(b) meta titqieghed fiducja fuq xi persuna ohra sabiex din twettaq bicca xoghol, il-fatt li jkun hemm dik il- fiducja jew xi dewmien jew inezattezzi mill-persuna li jkollha l-fiducja, ma jitqisux li huma skuzanti ragonevoli.

“(3) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikoli 43 u 44, l-uzu tad-diskrezzjoni tal-Kummissjarju ghall-finjiet tas-subartikolu (1)(b) u (c) ma ghandu bl-ebda mod jigi kontestat f`xi appell jew f`xi riferenza maghmula lit-Tribunal.

“(4) Il-Ministru jista` b`regolamenti jippreskrivi kondizzjonijiet li permezz taghhom parti mill-penali amministrattiva jew il-penali amministrattiva kollha dovuta taht l-artikoli 37 sa 41 tista` titnehha. Dawn ir-regolamenti jistghu jipprovdu wkoll ghat- tnehhija ta` penali amministrattiva dovuta skont l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u skont l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.”

“**IX. Mertu**

“Il-Qorti sejra tqis l-eccezzjonijiet fil-mertu li gabu l-intimati waqt li tkun qeghda tikkunsidra l-mertu tat-talbiet.

“**1) Fatti**

“Jirrizulta mill-provi illi d-Dipartment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud kien beda proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghaliex naqas li jipprezenta d-denunzji ghaz-zmien ta` Gunju 2002, Settembru 2002, Dicembru 2002, Marzu 2003 u Gunju 2003. Fis-26 ta` April 2007 wehel multa ta` Lm 100 u nghata zmien tliet xhur sabiex jirregola ruhu, u fin-nuqqas kien jehel is-somma ta` Lm 6 kuljum. Wehel ghaliex ma kienx baghat id-denunzji ghaz-zmien in kwistjoni. Ghaddew it-tliet xhur, inkorra l-multa addizzjonali. Kontra r-rikorrent harget akkuza ohra u wehel €3,675.75. Il-multa kienet ghaz-zmien ta` bejn is-27 ta` Lulju 2007 u l-14 ta` April 2008. Billi r-rikorrent kien baqa` ma ottemperax ruhu, rega` hargu akkuzi ohra kontra tieghu. Fit-22 ta` Ottobru 2009, ir-rikorrent instab hati li naqas milli jibghat d-denunzji ta` bejn Settembru 2003 u Marzu 2009, u wehel is-somma ta` €900 flimkien ma` addizzjonali ta` €15 kuljum wara li jghaddu tlett xhur u jibqa` inadempjenti. Hemm rata fissa mponibbli meta d-denunzja ma tintbaghatx ; ghall-bidu din kienet ta` €37.76 kull xahar ; in segwitu saret €23.29 ; u fl-ahhar saret €23. L-imghax minn 1% fix-xahar nizel ghal 0.75% fix-xahar. Jirrizulta bhala fatt illi r-rikorrent baqa` dejjem idahhal d-denunzji tard (Dok ACP1 a fol 110). Skond Dok PS6 jirrizulta li r-rikorrent kellu jhallas : a) taxxa : €16,232.07 ; *late return penalty* : €8,974.14 ; *short payment penalty* : €21,092.39 ; u imghax : €13,481.09

“**2) L-ewwel talba**

“Taqra hekk -

“Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq esposti, is-subartiklu 3 tal-artikolu 83 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta` Malta jikser id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta fl-Artikolu 39 (Smigh Xieraq).”

“Skond l-**<u>Art 39(1) tal-Kostituzzjoni</u>**, *kull meta xi hadd ikun akkuzat b`reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi.*

“Fil-kaz tal-lum, il-Qorti ma ssibx il-prova ta` ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni.

“L-Art 83(3) tal-Kap 406 jipprovdi illi proceduri kriminali li jistghu jittiehdu b`istanza tad-Direttur kontra l-persuna registata, jekk jirrizulta li jkun ikkommetta reat skond l-Art 76.

“Fil-kaz tal-lum irrizulta ppruvat illi r-rikorrent ma kienx dahhal id-denunzji relattivi fi zmien partikolari u specifikat. Ghalhekk ir-rikorrent kien passibbli ghal proceduri kriminali kontra tieghu skond l-Art 76(c).

“Quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura, ir-rikorrent ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u nghata l-piena.

“Quddiem dik il-Qorti, ir-rikorrenti kellu d-dritt u l-opportunita` li jiddefendi ruhu u minflok ammetta l-akkuzi.

“Kellu wkoll il-jedd jinterponi appell izda ghazel li ma jipprezentax appell mid-decizjoni tal-Qorti.

“**L-ewwel talba tar-rikorrent qeghda tkun <u>michuda</u>.**

“**3) <u>It-tieni talba</u>**

“Taqra hekk -

> *“Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq esposti, is-subartiklu 3 tal-artikolu 83 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta` Malta jiksru id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem :*
>
> *“(a) Fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta (Smigh Xieraq) ; u*
>
> *“(b) Fl-Artikolu 4 tal-Protokol 7 li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea (Ne Bis in Idem).”*

“It-tieni talba tipprospetta ksur bl-Art 83(3) tal-Kap 406 ta` zewg disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u cioe` tal-Art 6 u tal-Art 4 Prot 7.

“Il-Qorti sejra tqis l-allegata vjolazzjoni taz-zewg disposizzjonijiet b`mod distint.

“**a) <u>L-Art 6 tal-Konvenzjoni</u>**

"Dak li l-Qorti diga` rrilevat dwar l-allegat ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni fil-konsiderazzjoni tal-ewwel talba jghodd kollu kemm hu *mutatis mutandis* ghal fejn it-tieni talba tittratta allegat ksur tal-Art 6.

"**Ghalhekk il-parti (a) tat-tieni talba qeghda tkun <u>respinta</u>.**

"**b) <u>L-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni</u>**

"Id-disposizzjoni <u>rilevanti</u> tghid *illi hadd ma jista` jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb`ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skont il-ligi u l-procedura penali ta` dak l-Istat.*

"Issir riferenza ghall-pronunzjament li tat din il-Qorti (Imhallef Anthony Ellul) fil-21 ta` Frar 2014 fil-procediment fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Godwin Muscat</u>**", li minnu ma kienx hemm appell. Inghad –

> *"The Strasbourg Court has stated that the aim of Article 4 of Protocol 7 "is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision". The scope of Article 4 has been clarified by the Grand Chamber in the <u>Sergey Zolotukhin</u> case. The Grand Chamber was influenced by the text of corresponding provisions in the Covenant on Civil and Political Rights, and the American Convention on Human Rights, in concluding that the Article should be interpreted as prohibiting the prosecution or trial of an individual for a second offence where that second prosecution or trial arose from "identical facts or facts which are substantially the same, and the guarantee comes into play where a new set of proceedings is instituted after a prior acquittal or conviction has acquired the status of res judicata." (The European Convention on Human Rights, Robin C.A. White & Clare Ovey, Oxford [2010] pagna 305).*
>
> *"Fil-kaz <u>Zolotukhin v Russia</u> (applikazzjoni numru : 14939/03) deciz fl-10 ta` Frar 2009 mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermat li l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 :-*
>
>> *"98. was not confined to the right not to be punished twice but extended to the right not to be prosecuted or tried twice."*
>
> *"Jirrizulta li d-Dipartiment impona taxxa addizzjonali, fit-termini tal-Artikolu 23(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372) li jipprovdi li d-Direttur Generali tat-Taxxa ghandu d-diskrezzjoni li jimponi taxxa addizzjonali fuq min jonqos li jnaqqas taxxa skond l-Artikolu 23(1), jew ghalkemm ikun naqqasha jkun naqas milli jhallasha lid-Dipartiment, jew xort`ohra jkun naqas milli jhares id-disposizzjonijiet tar-regoli maghmula mid-Dipartiment.*
>
> *"Kien hemm diversi kazijiet quddiem il-Qorti Ewropea tad- Drittijiet tal-Bniedem li ttrattaw jekk sanzjonijiet amministrattivi kienux jikkwalifikaw bhala `criminal charge`. Hekk per ezempju huma l-kazijiet <u>Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic v Sweden</u> (36985/97) tal-21 ta` Mejju 2003, <u>Rosenquist v Sweden</u> (60619/00) tal-14 ta` Settembru 2004. Fis-*

sentenzi jissemmew tlett kriterji biex jigi determinat jekk offiz tikkwalifikax bhala "criminal" :

"the legal classification of the offence in domestic law, the nature of the offence and the nature and degree of severity of the possible penalty" (paragrafu 76 tal-kaz Vastberga). Kriterji li skond il-gurisprudenza ma jidhirx li jridu jkunu kumulattivi. Il-kaz ta` Vastberga kien jitratta l- imposizzjoni ta` tax surcharge fuq min ma jatix taghrif korrett. Il-qorti osservat li:-

• "l-ghan wara l-provvediment fuq surcharges hu "to exert pressure on taxpayers to comply with their legal obligations and to punish breaches of those obligations. The penalties are thus both deterrent and punitive. The latter character is the customary distinguishing feature of a criminal penalty (see the Ozturk v. Germany judgment cited above, p. 20, §53).".

• "The criminal character of the offence is further evidenced by the severity of the potential and actual penalty. The surcharges, normally fixed at 20% or 40% of the tax avoided, depending on the type of tax involved, have no upper limit and may come to very large amounts. It is true that surcharges cannot be converted into a prison sentence in the event of non-payment; however this is not decisive for the classification of an offence as `criminal` under Article 6 (see the <u>Lauko v. Slovakia</u> judgment cited above, p. 2505 §58).". Fil-kaz in ezami jirrizulta li hemm massimu ta` Ewro1,000 taxxa addizzjonali li jista` jimponi d-Direttur Generali ghal kull nuqqas (Artikolu 23(5) tal-Kap. 372).

Gialadarba jidher li t-taxxa addizzjonali hi ntiza sabiex isservi bhala deterrent u hi wkoll mizura punittiva, allura l-qorti tikkonkludi li tikkwalifika bhala `a criminal penalty`. Ghal dak li jikkoncerna l-ilment taht l-Artikolu 39(9) il- principju ta` ne bis in idem japplika fejn persuna tkun ghaddiet minn proceduri "quddiem qorti kompetenti". Billi t-taxxa addizzjonali tigi mposta mid-Direttur Generali tat-Taxxi, dan il-provvediment ma japplikax fil-kaz in ezami.

Il-qorti tinnota wkoll li l-imposizzjoni ta` taxxa addizzjonali ma twassalx ghall-ksur tal-Artikolu 4 tas-Sebgha Protokoll tal-Konvenzjoni meqjus li skond l-Artikolu 23(8) tal-Kap. Kap. 372 : "Il-Kummissarju jista` fid-diskrezzjoni tieghu jaghti lura kollha kemm hi jew f`xi parti minnha xi taxxa addizzjonali imposta taht id-disposizzjoni ta` dan l- artikolu.". Mela l-imposizzjoni ta` taxxa addizzjonali m`hijiex definittiva, kuntrarjament ghal dak li jigri fejn tinghata sentenza li ssir gudikat.

F`kull kaz mill-provi ma rrizultax li sal-lum id-Direttur Generali Taxxi hareg xi avviz kontra Dr Muscat Azzopardi li biha mpona taxxa addizzjonali, f`liema eventwalita` jkollu kull dritt li jikkontesta l-istess ai termini tal-Artikolu 23(6) tal-Kap. 372. Fil-fatt l-avvizi li nhargu huma fil-konfront tal-kumpannija Zimmermann House Projects Limited u Dr Patrick Spiteri. Fil-kaz <u>Sergey</u> <u>Zolotukhin v Russia</u>, inghad :-

"107. The Court reiterates that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision. According to the Explanatory Report to Protocol No. 7, which itself refers back to the European Convention on the International Validity of Criminal Judgments, a "decision is final `if, according to the traditional expression, it has acquired the

> *force of res judicata. This is the case when it is irrevocable, that is to say when no further ordinary remedies are available or when the parties have exhausted such remedies or have permitted the time-limit to expire without availing themselves of them".*

"Abbazi tal-provi akkwiziti fil-kaz taht ezami rrizulta li :-

"1) L-ewwel darba r-rikorrent kien akkuzat talli naqas milli sal-hmistax –il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta` taxxa relattivi jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzji ghal zminijiet li ntemmu fil-30 ta` Gunju 2002, fit-30 ta` Settembru 2002, fil-31 ta` Dicembru 2002, fil-31 ta` Marzu 2003 u fit-30 ta` Gunju 2003 u dan bi ksur tal-Artikoli 27(1), 76(c) u 82(2) tal-Att Nru XXIII tal-1998. Ir-rikorrent ammetta l-akkuza, instab hati taghha u nghata piena ta` multa ta` Lm 100.

"2) It-tieni darba kien akkuzat talli naqas li jikkonforma ruhu mal-ewwel sentenza. Ir-rikorrent ammetta l-akkuza u skond l-Art 76 tal-Kap 406 kien misjub hati u kien ikkundannat sabiex ihallas multa ta` €3,675.75.

"Jidher li l-akkuza li fuqha r-rikorrent tressaq it-tieni darba kienet ibbazata fuq s-sentenza li nghatat l-ewwel darba li ressaq. It-tieni darba kien fil-fatt akkuzat illi ma hallasx il-multa li kienet imposta bl-ewwel sentenza. Huwa evidenti mis-sentenza tat-tieni darba li l-Qorti tal-Magistrati kienet qeghda toqghod fuq l-Art 76. Fil-fatt il-multa li giet imposta kienet aktar minn dik prevista mil-ligi ghaliex ir-rikorrent kien diga` nstab hati tal-akkuzi skond l-Art 76(c). Ghalhekk huwa car ghal din il-Qorti li waqt it-tieni iter sehhet vjolazzjoni tal-principju *ne bis in idem* fis-sens illi r-rikorrent kien immultat ulterjorment ghall-istess akkuza. Mhux biss ir-rikorrent ghadda proceduri kriminali darbtejn ghall-istess akkuza, izda kien kundannat darbtejn ghall- istess akkuza b`multa li marret oltre l-limitu stabbilit mil-ligi.

"**Ghalhekk il-parti (b) tat-tieni talba qeghda tkun <u>milqugha</u>.**

"**4) <u>It-tielet talba</u>**

"Taqra hekk –

> *"Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti d-disposizzjonjiet imsemmija tal-Kap 406 dwar l-imghax u l-penali amministrattivi jiksru id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta fl-Artikolu 37 (Protezzjoni minn privazzjoni ta` proprjeta` bla kumpens) u fl-Artikolu 4 tal-Protokol 7 li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea (Ne Bis in Idem).*

"It-tieni talba tipprospetta ksur bl-Art 83(3) tal-Kap 406 ta` L-Art 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni.

"Il-Qorti sejra tqis l-allegati vjolazzjonijiet b`mod distint.

“**a)** **<u>L-Art 37 tal-Kostituzzjoni</u>**

“Dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni jghid –

“(1) Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b`mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta` ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta` pussess jew akkwist -

“(a) ghall-hlas ta` kumpens xieraq ;

“(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta` access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta` kull kumpens li ghalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta` dak il-kumpens ; u

“(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta` appell mid- decizjoni taghha lill-Qorti tal-Appell f`Malta :

“Izda f`kazijiet specjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jaghmel fl-interess nazzjonali, b`ligi jistabbilixxi l-kriterji li ghandhom jitharsu, maghduda l-fatturi u c-cirkostanzi l-ohra li ghandhom jitqiesu, biex jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas dwar proprjetà li jittiehed pussess taghha jew li tigi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull kaz bhal dak il-kumpens ghandu jigi iffissat u ghandu jithallas skont hekk.

“(2) Ebda haga f`dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta` xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta` pussess jew akkwist ta` proprjetà -

“(a) bi hlas ta` xi taxxa, rata jew drittijiet ;

“(b) bhala penali ghal, jew bhala konsegwenza ta`, ksur tal- ligi, sew jekk bi proceduri civili jew wara dikjarazzjoni ta` htija ta` reat kriminali ;

“(c) wara l-attentat ta` tnehhija tal-proprjetà barra minn jew gewwa Malta bi ksur ta` xi ligi ;

“(d) bhala tehid ta` kampjun ghall-finijiet ta` xi ligi ;

“(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f`annimal meta jigi misjub f`art haddiehor jew mitluf ;

“(f) bhala incidentali ghal kirja, licenza, privilegg jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, plegg jew kuntratt iehor ;

“(g) bhala l-ghoti jew l-amministrazzjoni ta` proprjetà ghan-nom u ghab-beneficcju tal-persuna ntitolata ghall-interess beneficjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-ghadu jew il-proprjetà ta` persuni

dikjarati falluti b`sentenza jew xort`ohra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta` mohh marid, persuni

"(h) fl-esekuzzjoni ta` sentenzi jew ordnijiet ta` qrati ;

"(i) minhabba li tkun fi stat perikoluz jew ta` hsara ghas-sahha tan-nies, annimali jew pjanti ;

"(j) bhala konsegwenza ta` xi ligi dwar il-preskrizzjoni ta` azzjonijiet, preskrizzjoni akkwizittiva, art abbandunata, tezor misjub, manumorta jew id-drittijiet ta` successjoni kompetenti lill-Gvern ta` Malta ; jew

"(k) ghal dak iz-zmien biss sakemm ikun mehtieg ghall- finijiet ta` xi ezami, investigazzjoni, kawza jew inkjesta jew, fil-kaz ta` art, l-eghmil fuqha -

"(i) ta` xoghol ta` konservazzjoni ta` hamrija jew il- konservazzjoni ta` risorsi naturali ohra ta` kull xorta jew ta` rikostruzzjoni ta` hsara tal-gwerra ;

"jew

"(ii) ta` zvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun gie mitlub, u jkun minghajr skuza ragonevoli u legali rrofta jew naqas li jaghmel.

"(3) Ebda haga f`dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta` xi ligi safejn tipprovdi ghall-ghoti lill-Gvern tal-proprjetà ta` xi minerali, ilma jew antikitajiet ta` taht l-art.

"(4) Ebda haga f`dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta` xi ligi ghat-tehid ta` pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta` xi proprjetà, jew l-akkwist obbligatorju fl- interess pubbliku u ta` xi interess fi jew dritt fuq proprjetà, meta dik il-proprjetà, interess jew dritt huwa mizmum minn ghaqda korporata li hija mwaqqfa ghal skopijiet pubblici minn xi ligi u li fiha ebda flejjes ma gew investiti barra minn flejjes provduti minn xi legislatura f`Malta.

"Bit-tielet talba, ir-rikorrent qieghed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi l-imghax u l-penalitajiet amministrattivi mposti skond il-Kap 406 jiksru l-jedd tieghu ghal protezzjoni minn privazzjoni ta` proprjeta bla kumpens.

"Il-Kap 406 jirregola l-gbir tat-taxxa fuq il-valur mizjud minghand persuni li jkunu registrati mad-Dipartiment tal-VAT li min-naha taghhom ikunu gabru t-taxxa minghand l-konsumatur sabiex ighadduha lill-Gvern. Ghalhekk il-persuna registrata mhijiex tohrog it-taxxa mill-flus taghha. It-taxxa migbura ma tkun qatt propjeta` tal-persuna registrata. Il-multi u l-pieni amministrattivi huma mposti meta l-persuna registrata ma tosservax l-obbligi taghha skond il-ligi. Ghalhekk hija l-fehma ta` din il-Qorti illi d-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qieghed jilmenta r-rikorrent ma jistghux jitqiesu bhala mizura ta` tehid ta` proprjeta bla kumpens. Tajjeb jinghad ukoll illi l-hlasijiet tat-taxxa huwa specifikament eskluz

mill-operat tal-Art 37(2)(a) tal-Kostituzzjoni. L-imghax u l-penalijiet twieldu mill-fatt li r-rikorrent ma hallasx taxxa li kellu jigbor minghand terzi ghall-Gvern.

"**Ghalhekk l-ewwel parti tat-tielet talba qeghda tkun <u>respinta</u>.**

"b**)** **<u>L-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni</u>**

"Il-Qorti diga` rreferiet ghal dan l-artikolu fil-konsiderazzjoni tat-tieni talba.

"Din il-Qorti trid tirrileva illi ma ltaqghetx ma` gurisprudenza tal-qrati taghna <u>specifikament</u> dwar multi u penalitjiet imposti mid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ghalkemm tirrizulta gurisprudenza dwar multi u penalitajiet imposti mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

"Sejra tirreferi ghad-decizjoni li nghatat fis-26 ta` Frar 2013 mill-Qorti tal-Gustizzja tal-UE fil-kaz ta` **<u>Aklagaren vs Hans Akerberg Fransson</u>** li ttratta l-kwistjoni ta` *ne bis in idem*. Inghad hekk -

> *"… Article 50 of the Charter does not preclude a Member State from imposing, for the same acts of non-compliance with declaration obligations in the field of VAT, a combination of tax penalties and criminal penalties. In order to ensure that all VAT revenue is collected and, in so doing, that the financial interests of the European Union are protected, the Member States have freedom to choose the applicable penalties … These penalties may therefore take the form of administrative penalties, criminal penalties or a combination of the two. It is only if the tax penalty is criminal in nature for the purposes of Article 50 of the Charter and has become final, that that provision precludes criminal proceedings in respect of the same acts from being brought against the person.*
>
> *"… The ne bis in idem principle laid down in Article 50 of the Charter of the Fundamental Rights of the European Union does not preclude a Member State from imposing successively, for the same acts of non-compliance with declaration obligations in the field of value added tax, a tax penalty and a criminal penalty in so far as the first penalty is not criminal in nature, a matter which is for the national court to determine."*

"Din s-sentenza kienet citata fil-procediment "**<u>Il-Pulizija vs Godwin Muscat</u>**" (op cit).

"Din il-Qorti tikkondividi dawk il-principji.

"Fil-kawza tal-lum, irrizulta illi ghall-istess nuqqas, jigifieri ghall-fatt illi persuna registrata ma dahhlitx denunzja fil-hin stipulat hija awtomatikament tehel dawk li jissejhu "*late return payments*". Meta d-denunzji jigu pprezentati tard minghajr hlas, allura fuq *late return payments* ikun hemm multi u interessi. Fiz-zmien li sehhew il-fatti tal-kaz tal-lum, l-imghax impost kien ta` 1% fix-xahar ; illum huwa ta`

0.75% fix-xahar. Inoltre fil-proceduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrent, kien ikkundannat l-ewwel il-multa ta` Lm 100 u in segwitu ghax ma ottemperax ruhu mal-ewwel sentenza kien ikkundannat ihallas €3,675.75. In aggunta kellu jinkorri multa ta` €13.98 kuljum ghall-fatt li wara li ghaddew tliet xhur ir-rikorrent ma kienx hallas il-multa ta` Lm 100.

"Skond id-dokument ipprezentat mill-intimati fil-25 ta` Marzu 2013 a fol 156, jirrizulta li r-rikorrent irid ihallas total ta` €67,060.18. Minnhom €16,232.07 hija taxxa dovuta ; €8,974.14 hija *late return penalty* ; €25,751.66 hija *short penalty payment* ; waqt li l-imghax kien ta` €16.102.31.

"Dan ifisser illi ghall-fatt illi r-rikorrent naqas li jipprezenta d-denunzji fil-hin, il-Kap 406 kien qieghed jikkontempla li l-persuna registrata tehel multi, penali u imghax. Ghal din il-Qorti l-iskop tal-ligi huwa li jizgura li l-persuna registrata twettaq l-obbligi taghha billi thallas it-taxxa fuq il-valur mizjud li tkun gabret minghand il-konsumatur, taxxa li hija dovuta lill-Gvern. L-Art 76 tal-Kap 406 (op. cit.) jahseb ghal hames cirkostanzi; wahda minnhom hija proprju dik li tirrigwarda r-rikorrent fis-sens illi fin-nuqqas il-persuna registrata "*tkun hatja ta` reat*". L-indikazzjoni hi li b`dak l-artikolu l-legislatur ried li jimponi deterrent kif ukoll mizura punittiva. Ladarba jidher li l-penali, multi u imghax huma ntizi sabiex iservu ta` deterrent u bhala mizuri punittivi, allura jikkwalifikaw bhala "*a criminal penalty*".

"Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta` Mejju 2015 fil-kawza "**Angelo Zahra vs L-Onorevoli Prim Ministru et**".

"Ghalkemm dik il-kawza kienet tittratta dwar id-disposizzjonijiet tal-ligi fiskali tal-FSS, il-principji li jemergu minn dik is-sentenza jistghu jigu applikati ghall-kaz tal-lum.

"Il-Qorti qalet hekk –

> *"L-Artikolu 4 tas-Seba` Protocoll tal-Konvenzjoni fil-parti relevanti jaqra hekk :*
>
> *"1. Hadd ma jista` jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb`ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta` dak l-Istat."*
>
> *"25. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li hemm certu kazijiet fejn il-multa amministrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bhala piena penali ghax tenut kont tas-severita` taghha titqies derivanti minn akkuza kriminali ghall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*
>
> *"26. Fil-kaz odjern huwa minnu li, filwaqt li l-piena imposta mill-Qorti hija wahda definittiva, dik amministrattiva m`hijiex definittiva u dan*

peress li, ai termini tal-Artikolu 23 [8] tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa Kap. 372, din tista` tigi irtirata parzjalment jew fl-intier taghha mill-Kummissarju. Huwa wkoll minnu li, skont il-proviso tas-subinciz 7 tal-istess att, dik it-taxxa tista` wkoll tigi kontestata quddiem qorti fiz-zmien hmistax-il jum min-notifika tal-avviz. Huwa minnu wkoll li skont ir-regolament nurmu 24 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 intestata "Regoli Dwar Final Settlement System [FSS]", il-pagatur li jhossu aggravat bid-decizjoni jista` ai termini tas-subinciz 3 jipprezenta ittra ta` kontestazzjoni lill-Kummissarju fi zmien ghaxart ijiem min- notifika, u skont is-subinciz [5], dan jista` jahfer it-taxxa addizzjonali, parzjalment jew fl-intier taghha, jekk ikun sodisfatt li n-nuqqas tal-pagatur ma jkunx dovut ghal xi htija jew negligenza tieghu.

"27. Izda mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-multi mitluba mid-Direttur minghand ir-rikorrent potenzjalment ilahhqu eluf kbar ta` euro u ghalhekk huma sostanzjali. Ukoll ma jirrizultax li dawn gew irtirati mid-Direttur. Ghalhekk meta l-pulizija agixxiet kontra r-rikorrent billi tat bidu ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghar-reati bazati fuq l-istess fatti – li juri li l-fatti huma klassifikati bhala reat kriminali – li fuqhom kienu diga` gew imposti l-multi "amministrattivi", dawn il-multi kienu gja` fis-sehh. Minn dan jirrizulta car li bit-tehid kontra r- rikorrent ta` proceduri kriminali wara li gia` gew imposti l-multi "amministrattivi", ir-rikorrent mhux talli gie processat darbtejn fuq l-istess fatti, izda talli gie wkoll penalizzat darbtejn in vjolazzjoni tal-artikolu konvenzjonali fuq citat.

"28. Il-konsiderazzjonijiet premessi huma msahhin b`dak li osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta` Lucky Dev v. Sweden [Appl.7356/10, deciz 27 Novembru 2014] fejn, wara li osservat li "..the aim of Article 4 of Protocol Np.7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision..." qalet li l-fatt wahdu li kien hemm duplikazzjoni ta` proceduri, kriminali u amministrattivi, ghaddejjin fl-istess hin ma jinvolvix ksur tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7. Dak li f`dak il-kaz kien jinvolvi ksur ta` dak l-artikolu konvenzjonali kien il-fatt li, ghalkemm il-proceduri kriminali kienu gew konkjuzi qabel il-proceduri amministrattivi bil-liberatorja tal-applikant, dawn l-ahhar proceduri damu ghaddejjin ghal 9 xhur ohra, wara li l-applikanti kienet giet liberata. "Therefore the applicant was tried "again" for an offence for which she had already been finally acquitted".

"29. Fid-dawl tal-premess, fil-kaz odjern jirrizulta li, fiz-zmien meta ttiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent konkluzi bis-sejbien ta` htija tar-reati li bihom kien gie akkuzat u konsegwentement ikkundannat piena, kienu gia` gew imposti fuqu multi "amministrattivi" ta` entita` tant severa li ghandhom jitqiesu sanzjoni ta` natura penali. Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti kif zvolgew, il-proceduri kriminali kontra tieghu huma vjolattivi tal-Artikoli 4 tal-Protokoll 7. Dan ghandu jwassal ghan-nullita` tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Magistrati [Malta] fid-9 ta` Marzu 2010 kif riformata mill-Qorti Kriminali fil-31 ta` Ottubru 2013."

"Il-Qorti hija tal-fehma illi l-premess ighodd ghall-kaz tal-lum. Ghalhekk tghid illi l-imposizzjoni ta` multi u penali amministrattivi kumulattivi applikati kontra r-rikorrent jiksru l-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni.qeghdin

jikskumullativi qeghdin iledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni.

"**Ghalhekk it-tieni parti tat-tielet talba qeghda tkun milqugha.**

"**5) Ir-raba`, il-hames u s-sitt talbiet**

"Ir-raba` talba taqra –

> *"Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-hekk imsejha `short-payment penalties` jiksru id-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (tgawdija tal-proprjeta`).*

"Il-hames talba taqra -

> *"Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-hekk imsejha `short-payment penalties` jiksru id-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta fl-Artikolu 37 (Protezzjoni minn privazzjoni ta` proprjeta` bla kumpens).*

"Is-sitt talba taqra –

> *"Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti id-disposizzjonjiet imsemmija tal-Kap 406 dwar l-imghax u l-penali amministrattivi jiksru id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fl-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (tgawdija tal-proprjeta`).*

"Ghalkemm ir-rikorrent qieghed jitlob dikjarazzjoni li kien hemm vjolazzjoni, dawn it-tliet talbiet partikolari jinkorru l-istess vena tat-talbiet ta` qabilhom.

"Meta aktar kmieni din l-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar multi, imghax u penalitajiet, dak li qalet ighodd ghall-materji li ssemmew mir-rikorrent fir-raba`, fil-hames u fit-sitt talbiet.

"**Ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba`, tal-hames u tas-sitt talbiet.**

"**6) L-ghaxar talba**

"Taqra hekk -

> *"Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq esposti nkiser l-ewwel artikolu tar-raba` protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Projbizzjoni ta` prigunerija ghal dejn).*

"Skond l-Art 1 tal-Prot 4 tal-Konvenzjoni, *hadd ma ghandu jigi privat mill-liberta` tieghu unikament minhabba l-inkapacita` tieghu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali.*

"Il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni tal-ECHR tas-27 ta` Lulju 2010 fil-kaz ta` "**<u>Gatt v. Malta</u>**" fejn ghalkemm hemm ic-cirkostanzi kienu differenti minn dawk tal-kaz tal-lum, l-ECHR irrilevat hekk –

> *"Bearing in mind that the Convention and its Protocols have to be read as a whole, the Court draws attention to the provision of Article 1 of Protocol No. 4 which prohibits imprisonment merely on the ground of inability to fulfil a contractual obligation. The Court has already expressed reservations about the imprisonment in default system, considering it as constituting an archaic custodial measure available only to the Treasury (in the French system) (see Göktan v. France, no. 33402/96, § 51, ECHR 2002-V). However, it noted that Article 1 of Protocol No. 4 would not apply to such a system, since the provision prohibits imprisonment for debt solely when the debt arises under a contractual obligation (see Göktan, cited above § 51). However, although the circumstances in the present case are different to those in Göktan and require a further analysis under Article 1 of Protocol No. 4, the Court is ready to accept that the Government could rely on the first limb of Article 5 § 1 (b) as a ground for the applicant`s detention.*

"Fil-kaz tal-lum, il-kundanna tar-rikorrent ghall-hlas tal-multa mill-Qorti tal-Magistrati ma kenitx minhabba xi obbligu <u>kontrattwali</u> tieghu. Inoltre ma rrizultax li l-multa kienet konvertita ghal prigunerija.

"**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ghaxar (10) talba**.

"**7) <u>It-talbiet l-ohra</u>**

"Il-qorti sejra tipprovdi dwar it-talbiet li fadal. Dawn huma :-

"Is-seba` (7) talba li taqra –

> *"Tikkancella u/jew tnaqqas l-imghax legali u penali amministrattivi imposti fuq ir-rikorrent.*

"It-tmien (8) talba li taqra –

> *"Tiddikjara li ir-rikorrent sofra danni bil-ksur tad-drittijiet tieghu kif intqal.*

"Id-disa` (9) talba li taqra –

> *"Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti u tikkundana lill-intimati jew min minnhom ihallas il-kumpens kif hekk likwidat.*

"Il-hdax (11) –il talba li taqra –

> *"Thassar is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif jirrisultaw mill-anness Dok A fl-ismijiet Pulizija vs Robert Ciantar fejn ir-rikorrent gie misjub hati kif jirrisulta mill-anness dokument u thassar ukoll id-digrieti imsemmija fuq ghall-konversjoni tal-multi hemm imsemmija ghal piena karcerarja, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

"It-tnax (12) –il talba li taqra –

> "*Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq.*

"Il-Qorti sabet vjolazzjoni tal-principju ta` *ne bis in idem* hekk kif imhares bl-Art 4 tal-Prot 7.

"Bl-Att XIV tal-2013 saru emendi fil-Kap 406. Fost l-emendi, kien hemm emenda ghall-Art 76 tal-Kap 406 fis-sens illi fejn qabel il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali setghet timponi multa ta` bejn €5 sa €20 kuljum, illum tista` timponi multa ta` €5 ghal kull gurnata.

"L-intimati jikkontendu lib l-Att XIV tal-2013 kienu mhassra l-multi li kienu mposti fuq ir-rikorrent.

"Din il-fehma mhijiex kondiviza mill-Qorti.

"Id-disposizzjoni rilevanti hija l-Art 6 li jaqra –

> "*(1) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw dwar kull reat kontra l-artikolu 76 tal-Att principali li dwaru fil-jum li jipprecedi l-jum li fih jidhlu fis-sehh id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ma jkunu ghadhom inbdew ebda procedimenti kriminali jew dawk il-procedimenti jkunu ghadhom pendenti quddiem xi Qorti.*
>
> "*(2) Fejn qabel il-jum li jipprecedi l-jum li fih jidhlu fis-sehh id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna tkun giet kundannata ghall-hlas ta' multa ghal kull jum illi fih ikun jibqa' jsehh xi nuqqas, kull ammont ta' dik il-multa ta' kuljum, kemm jekk konfermat b'sentenza definittiva ta' xi Qorti u kemm jekk le, ghandu jigi komputat mill-gdid bir-rati previsti f'dan l-Att :*
>
> "*Izda meta persuna tkun wehlet il-multa ta' kuljum li ghaliha hemm referenza f'dan is-subartikolu minhabba f'reat kontra l-artikolu 76 tal-Att principali li ma jkunx reat previst fil-paragrafu (c) tal-imsemmi artikolu, dik il-multa ta' kuljum ghandha tithassar :*
>
> "*Izda ukoll xejn f'dan l-artikolu ma ghandu jigi interpretat bhala li jaghti xi dritt lil xi persuna biex titlob ir-rifuzjoni ta' xi multa digà mhallsa."*

"L-Art 76(3) tal-Kap 406 jirreferi ghal meta persuna registrata ma tipprezentax id-denunzja fil-hin stipulat. Dak kien ir-reat li bih kien akkuzat ir-rikorrent.

"Ghalhekk il-kaz kif prospettat mill-intimati ma jghoddx fil-kaz tar-rikorrent.

"L-intimati jsostnu li r-rikorrent seta` bbenefika mill-amnestija li kien hareg il-Gvern fil-mizuri tal-Budget tal-2012.

"Kif jidher mid-dokument esebit a fol 82, ir-rikorrent kien gie nfurmat dwar l-amnestija. Skond l-A.L. 456 tal-2011 jirrizulta illi *b`effett mill-1 ta` Jannar 2012, imghax u penali amministrattiva m`ghandhomx jibqghu jiddekorru fuq xi ammont ta` taxxa dovuta f`xi zmien ta` taxxa taht l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud."*

"Fir-regolamenti inghad kif kellhom jitnaqqsu l-multi u l-penali amministrattivi.

"Din il-Qorti hija tal-fehma illi konformement mas-sejbien tal-vjolazzjoni kif fuq inghad hija sejra tilqa` il-hdax (11) –il talba. Propju ghaliex qeghda tkun milqugha l-hdax (11) –il talba, ma tarax li ghandha tipprovdi dwar is-seba` (7) talba kif talab ir-rikorrent.

"Il-Qorti mhijiex sejra takkorda t-tmien (8) talba billi sprovvista minn prova dwar l-istess.

"Dwar id-disa` (9) talba, il-Qorti hija tal-fehma li l-akkoljiment tal-hdax (11) –il talba hija rimedju bizzejjed. Fir-rigett tad-disa` (9) talba, il-Qorti hadet konsiderazzjoni tal-fatt illi ma kienx legittimu l-argument tar-rikorrent li ma kienx possibbli ghalih illi jhallas it-taxxa dovuta, meta huwa risaput illi t-taxxa kienet tirrapprezenta flus li r-rikorrent suppost gabar minghand il-konsumatur mhux ghalih izda ghall-erarju pubbliku. Anke jekk ir-rikorrent kien qieghed jikkontesta l-legittimita` tal-multi u tal-penali, seta` jibbenfika mill-iskema offruta bla pregudizzju ghall-posizzjoni li ha fil-kawza tal-lum. Lanqas ma hija l-Qorti sejra toqghod fuq l-impressjoni li ttenta jaghti r-rikorrent illi l-problemi li sab ruhu fihom kienu mputabbli ghal disgwid li kellu mal-accountant tieghu li mbaghad telaq minn Malta. Din tal-accountant kienet allegazzjoni li gab `il quddiem ir-rikorrent minghajr ma ppruvaha. Jekk wiehed jaccetta li kellu xi problema mal-accountant, il-modus operandi ritardatarju tar-rikorrent fil-prezentata tad-denunzji baqa` li kien anke in segwitu."

<u>L-Appell</u>

11. L-intimati appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-18 ta' Novembru 2015 li ghalih l-attur ma pprezentax risposta bil-miktub.

12. L-aggravji fil-qosor huma: [1] illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ikkonkludiet li l-Prim Ministru huwa legittimu kuntradittur fil-proceduri odjerni; [2] illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta cahdet it-tielet eccezzjoni tal-appellanti fir-rigward tan-non ezawriment tar-rimedji ordinarji da parte tar-rikorrent; [3] illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ikkonkludiet li fil-kaz tar-rikorrent l-applikazzjoni tas-subinciz (3) tal-Artikolu 83 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud [Kap 406] kiser l-Artikolu (4) tal-Protokol 7 tal-Konvenzjoni Ewropea; [4] illi l-ewwel Qorti ma messhiex laqghet it-talba numru 11 tar-rikorrent biex b'hekk ordnat it-thassir tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **il-Pulizija v. Robert Ciantar** fejn dan kien gie misjub hati, u fejn l-istess Qorti ordnat it-thassir tad-digrieti relattivi ghall-konverzjoni tal-multi ghal piena karcerarja, stante li ghandu jirrizulta car li kemm is-sentenzi kif ukoll dawk id-digrieti huma validi u skont il-ligi.

13. Ghalhekk l-intimati qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex thassar s-segwenti partijiet tad-decide:

(i) dik il-parti tad-decizjoni fejn cahdet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimati; (ii) dik il-parti tad-decizjoni fejn laqghet it-tieni parti tat-talba numru 2, senjalata bl-ittra (b), fejn sabet li fil-kaz tar-rikorrent is-subinciz (3) tal-Artikolu 83 tal-Kap. 406 kiser l-Artikolu 4 tas-

Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; (iii) dik il-parti tad-decizjoni rigwardanti t-talba numru 3 fejn il-Qorti iddikjarat illi bl-impozizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ta' imghax u penali amministrattivi skont id-dispozizzjonijiet citati mir-rikorrent tal-Kap. 406 sar ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, u (iv) dik il-parti tad-decide fejn l-ewwel Qorti laqghet it-talba numru 11 - u minflok, tilqa' dan l-appell, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

L-Aggravji

L-Ewwel Aggravju

14. Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi l-Prim Ministru huwa l-legittimu kuntradittur.

15. L-intimati jissottomettu illi l-kwistjoni tar-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern tinsab regolata bl-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jiddisponi li, fejn il-kaz ma jaqax taht wiehed mill-kapijiet tad-dipartiment indikati fl-istess Artikolu, huwa l-Avukat Generali li ghandu jirrapprezenta l-Gvern; dan hu hekk sabiex ma jigux inkorsi spejjez gudizzjarji molteplici u inutili. In sostenn tal-pozizzjoni taghhom jirreferu ghal sentenzi decizi mill-Qorti

Kostituzzjonali, fosthom **John Attard v. Onor PM et** [31/05/2013]; *Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport et* [7/10/2013]; *Shawn Bradshaw et vs AG et* [6/2/2015] u **Emmanuele Caruana et v. Onorevoli Prim Ministru et** [30/10/2015].

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

16. L-Artikolu 181B fuq citat li fis-sub-inciz [2] tieghu jghid b'mod car illi:

> "L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

17. Ghalkemm fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti tikkwota b'mod estensiv mis-sentenza **Anthony P. Farrugia v. L-Onorevoli Prim Ministru et**, fejn dik Il-Qorti, fost affarijiet ohra u ghar-ragunijiet hemm indikati u b'referenza ghall-Artikolu 242 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet illi l-Prim Ministru ghandu *locus standi* fi proceduri konsimili, il-posizzjoni legali korretta hija dik enuncjata minn din il-Qorti f'diversi sentenzi citati fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Caruana et v. Il-Prim Ministru et**[5], fejn din il-Qorti osservat hekk:

> "… … … din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta*[6] fejn din il-Qorti

[5] Ikkwotata b'approvazzjoni minn din il-Qorti f'sentenza aktar recenti taghha fl-ismijiet **Mifsud David v. L-Onorevoli Prim Ministru Et** deciza fl-24 ta' Gunju 2016

[6] Deciza 7 Ottubru 2013

indirizzat il-vertenza kemm fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu fuq citat kif ukoll b'referenza ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 242 indikat fis-sentenza appellata:

> ".......l-Artikolu 181B tal-istess kap, li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji. .... jistipula b'mod car li rrapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel sub-inciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali. Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma' l-Prim Ministru. Li kieku l-ligi riedet li f'certu kazijiet bhal dawk in dizamina kelllu jitharrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tghidu - quod lex voluit lex dixit. Dan il-hsieb jinsab fortifikat bil-principju enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza H.Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali moghtija fit-30 ta' Settembru 2012 li l-imsemmi Artikolu 181B japplika minghajr distinzjoni kemm ghall-proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta' natura kostituzzjonali.[7]
>
> "Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza *Glenn Bedinfield v. Kummissarju tal-Pulizija et* deciza fil-31 ta' Lulju 2000:
>
> "....proprju bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Kap. 12 jidher li l-Prim Ministru ma kellux strettament *locus standi* f'dan il-gudizzju ghax ma kienx ghall-fini specifiku ta' rapprezentanza gudizzjarja jirraprezenta l-Gvern jew ghall-anqas il-prezenza tieghu ma kienitx mehtiega biex il-gudizzju ikun integru. Dan fis-sens li l-Gvern ikun adegwatament rapprezentat mill-Avukat Generali f'dawk il-kazijiet l-ohra kollha fejn il-ligi ma tispecifikax mod iehor.
>
> …… Omissis ……
>
> "[66.2] Li l-Artikolu 242 fuq citat ma jitkellimx dwar ir-rapprezentanza fl-atti gudizzjarji, izda jaghti biss fakolta' lill-Prim Ministru sabiex, dan fid-diskrezzjoni tieghu, inehhi ligi dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Ministru appellat li, "ir-referenza lejn il-Prim Ministru [fl-Artikolu 242] ma kienitx qeghda ssir bhala r-rapprezentant tal-Gvern fi proceduri gudizzjarji, izda r-referenza hija intiza lilu bhala l-kap tal-fergha legislattiva tal-istat" biex inehhi inkonsistenzi mal-istrumenti legali fuq citati."

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

It-Tieni Aggravju

19. Dan l-aggravju huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-

[7] Ara wkoll f'dan is-sens Q.Kost *Sean Bradshaw et vs Avukat Generali et*, deciza fis-6 Frar 2015

eccezzjoni tan-nuqqas l-ezawriment tar-rimedju ordinarju. L-intimati jsostnu li r-rikorrent kellu s-segwenti rimedji ordinarji disponibbli ghalih: dak li jappella mid-decizjoni tad-Direttur Generali quddiem it-Tribunal tar-Revizjomi Amministrattiva fit-termini tal-Artikolu 44[k] tal-Kap.406 fil-kazijiet li ma jirrigwardjawx stima, izda jirrigwardjaw impozizzjoni ta' penali amministrattiva; dak li jappella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u dak li jintavola referenza kostituzzjonali matul il-proceduri gudizzjarji jekk hass li dawk il-proceduri kienu lezivi ghad-drittijiet tieghu kostituzzjonali.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

20. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet *David Mifsud vs Onor Prim Ministru et,* u ghar-rassenja ta' gurisprudenza hemmhekk riportata, liema principji japplikaw ghall-kaz odjern fl-intier taghhom:

> "55. Huwa assodat fil-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll Ewropea, li biex il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tal-atturi. M'huwiex necessarju success garantit, basta li r-rikorrent ikollu l-opportunità fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' dik il-ligi [vide fost ohrajn Q.Kos. **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs**[8], deciza fis-16 Jannar 2006 u iktar recenti Q. Kos. **Rea Ceramics Limited [C 23288] v. Kunsill Malti ghall-Isport u l-Avukat Generali ghan-nom tar-Repubblika ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha**, deciza fit-18 ta' Lulju 2014].

8 Iccitata mill-intimati fin-nota ta' referenzi taghhom a fol 322

"56. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex, min-naha wahda l-qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom kienu jezistu rimedji ohrajn effettivi u, minn naha l-ohra, sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni. Meta s-sistema ordinarja tipprovdi rimedju tajjeb u effettiv, qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ghandha ddiskrezzjoni li tiddeciedi li ma tezercitax is-setghat taghha kostituzzjonali jekk ikun hekk desiderabbli. Dan ghaliex, bhala regola, ma jistax jinghad a priori li l-istat ikun kiser il-jeddijiet fundamentali tac-cittadin, meta c-cittadin ikun provdut u jkun hemm disponibbli ghalih rimedji ordinarji li permezz taghhom il-lanjanzi tieghu jkunu jistghu jigu effettivament u adegwatament indirizzati [vide fost ohrajn Q. Kos. **Stacey Spiteri u Samir Fathy Gayed Eskander v. Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza fis-27 ta' April 2012].

"57 … … … din ir-regola tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju ma hijiex assoluta u ghandha tigi applikata b'certu flessibilita` fil-kuntest ta' drittijiet fundamentali, jibqa' l-fatt illi kull kaz ghandu jigi mistharreg skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu*…."*

…… Omissis ……

"61. … … … rimedju effettiv ma setax hlief jinghata minn qorti b'kompetenza kostituzzjonali li, fil-kaz li ssib li l-applikazzjoni ta' ligi hija vjolattiva ta' dritt fundamentali tieghu, ghandha s-setgha li tiddikjara li fil-konfront tieghu dik il-ligi tigi meqjusa bla effett sa fejn tkun inkonsistenti. Il-Qorti zzid li hija qajla tirrevedi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward meta dik id-diskrezzjoni tkun giet ezercitata favur l-ezercizzju tal-kompetenza kostituzzjonali."

21. Fil-meritu l-Qorti tosserva li, jirrizulta car li r-rimedju provdut fl-Artikolu 44K fuq imsemmi mhuwiex wiehed adegwat, stante il-Bord tal-Appelli ma setghax jindirizza l-ilment tar-rikorrenti dwar l-allegata vjolazzjoni fil-konfront tieghu tal-principju tan-*ne bis in idem* kontemplat fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni b'referenza ghall-proceduri gudizzjarji mehudin fil-konfront tieghu. L-istess jghodd ghar-rimedju quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, in kwantu dik il-Qorti ma setghetx tindirizza l-ilment kostituzzjonali bazat fuq il-principju fuq

indikat.

22. Fl-ahharnett, jigi osservat li lanqas il-fatt illi r-rikorrent ghazel li ma jitlobx lill-Qorti tal-Magistrati taghmel referenza ma jippregudikah fl-odjerni proceduri, in kwantu it-tqanqil ta' kwistjoni kostituzzjonali, matul il-proceduri gudizzjarji hija fakoltattiva, u ghalkemm ma tkunx saret talba, dik il-parti ma titlifx il-jedd illi tintraprendi proceduri kostituzzjonali direttament. Izda, u b'izjed enfasi, jigi osservat li talba ghal referenza kostituzzjonali ma tistax titqies bhala rimedju ordinarju ghax tezorbita mill-proceduri ordinarji sabiex, jekk tintlaqa', taghti lok ghall-proceduri straordinarji ta' natura kostituzjonali.

23. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hija tal-fehma li ma jezistux ragunijiet gravi bizzejjed sabiex tvarja d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti in rigward.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint

It-Tielet Aggravju

25. Dan l-aggravju huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ikkonkludiet li fil-kaz tar-rikorrent is-subinciz 3 tal-Artikolu 83 tal-Kap.406 kiser id-dritt fundamentali tieghu kontemplat fl-

Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. L-intimati jissottomettu li "l-impozizzjoni ta' multi u penali amministrattivi" mhijiex leziva tal-principju ta' *ne bis in idem* u anke l-Qorti Ewropea taccetta li jistghu jittiehdu proceduri paralleli, kemm amministrattivi, kif ukoll kriminali.

26. L-intimati jkomplu jfissru dan l-aggravju bis-segwenti osservazzjonijiet:

27. [i] Hemm distinzjoni netta bejn il-penali amministrattivi u l-imghax dovut skont it-Taqsimiet 1 sa IX tal-Kap.406 u l-multi impost minn qorti kriminali fuq sejba ta' htija ta' wiehed jew aktar mir-reati indikati fit-Taqsima X tal-istess Kap.

28. [ii] Il-*Late Return Penalty* tiskatta biss meta d-denunzja tardiva tigi sottomessa u mhux qabel, u ghalhekk din il-penali ma tigix imposta fuq *estimated tax.* Apparti minnhekk, ghalkemm din il-penali tigi kalkolata bir-rata ta' 1% fix-xahar skont il-ligi, mill-1 ta' Jannar 2009 gie mizjud il-proviso tal-Artikolu 38[1] tal-istess kap li jipprovdi li f'kull kaz din il-penali ma tistax teccedi l-€250.

29. [iii] Illi qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XII tas-sena 2004,il-*Late Payment Penalty*[9] f'xenarju fejn id-denunzja tintbaghat wara z-zmien perentorju li maghha ma jintbaghatx pagament jew jintbaghat pagament

[9] Maghrufa ukolll bhala *short payment penalty*

parzjali, tinhadem il-penali talli ntbaghatet tard u tibqa' tiskatta penali kull xahar sakemm il-pagament isir kollu jew il-penali tigi *capped* skont il-ligi. Ukoll lanqas din il-penali ma hi ikkalkolata fuq estimated tax, imma fuq it-taxxa li ghalkemm dikjarata baqghet ma thallsitx.

30. [iv] Illi l-ewwel Qorti "ma messhiex sabet ksur tal-[imsemmi artikolu protokollari] peress li mhux minnu li l-Kap.406 jinkorpora normi fejn l-imsemmija djun civili jistghu jigu konvertiti f'pieni ta' prigurnerija. Huma biss il-multi impost mill-qrati kriminali li jistghu jigu konvertiti fi prigunerija jekk ma jithallsux. Di fatti, dawn il-multi mhumiex pagabbli lid-Direttur intimat, izda lir-Registratur tal-Qorti.

31. [v] Illi t-taxxa fuq il-valur mizjud kellha tingabar ghan-nom tal-gvern minghand il-konsumaturi skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap.406 u ghalhekk il-flus suppost li ngabru mir-rikorrent bhala direttur tal-kumpanija. Barra minnhekk kienet ghazla tieghu li dan jammetti l-akkuzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Minkejja dan, ir-rikorrent ghadu ma hallasx l-ammont ta' taxxa dovuti lid-Direttur ghall-perjodi in kwistjoni.

32. [vi] Illi minkejja li r-rikorrenti kien eligibbli sabiex jibbenefika minn skemi ta' amnestija li permezz taghhom seta' ibbenefika minn riduzzjoni sa massimu ta' 80% mill-penali amministrattivi u imghaxijiet relattivi huwa ghazel li ma juzufruwixxix minn dawk l-iskemi.

33. [vii] Illi, bid-dhul fis-sehh tal-Att XIV tas-sena 2013, il-multi kriminali gjornarlieri imposti mill-qrati kriminali minhabba nuqqas ta' ottemperanza mad-disposizzjonijiet tal-Kap.406 jistghu jitnehhew kompletament diment li d-denunzji in kwistjoni jigu sottomessi lid-Direttur, anke minghajr il-pagament dovut.

34. [viii] Illi, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti Ewropea "materji konnessi mat-taxxa ma jaqghux fid-definizzjoni ta' drittijiet u obbligi civili skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

35. L-Artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni li jipprovdi:

> "1. Ħadd ma jista' jkun ipproccessat jew jerga' jigi kkastigat għal darb'oħra fi procedimenti kriminali taħt il-gurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diga' gie finalment liberat jew misjub ħati skont il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat.
>
> "2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu precedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerga' jinfetaħ skont il-ligi u l-procedura penali tal-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti godda jew li jkunu għadhom kif gew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-procedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolgi l-każ.
>
> "3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni."

36. Minn dan l-artikolu temergi l-importanza ta' din il-protezzjoni, in kwantu kuntrarjament ghal drittijiet fundamentali ohra protetti mill-

Konvenzjoni li jistghu jigu derogati, dan ma huwiex derogabbli.

37. Din il-Qorti tosserva li, minkejja d-diversi osservazzjonijiet fuq indikati maghmula mill-intimati in konnessjoni mal-aggravju in dizamina, il-punti krucjali li ghandhom jigu ezaminati sabiex jigi determinat jekk il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tar-rikorrent humiex lezivi tad-dritt tieghu kontemplat fl-artikolu fuq citat huma, [a] jekk il-multi amministrattivi humiex ta' certu entità li jikkwalifikaw bhala ta' natura penali imposti bl-iskop punittiv sabiex jservu bhala deterrent u, [b] jekk dawk il-multi kienux diga' gew impost fuq ir-rikorrent u kienux ghadhom pendent meta ttiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu.

38. Din il-Qorti kellha digà okkazzjoni li tezamina cirkostanzi simili fil-kaz **David Mifsud v. Onor. Prim Ministru et** deciz fl-24 ta' Gunju 2016. F'dak il-kaz gew identifikati s-segwenti principji in materja applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

> "68. … … … f'kaz recenti **Grande Stevens v. Italy**, il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti enuncjazzjonijiet dwar dan id-dritt fundamentali:
>
> > '220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. …….
> >
> > '221. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, § 84]……

……… Omissis ………

‘229. … … … administrative sanctions may, for the purposes of the application of the Convention, be qualified as criminal sanctions [see paragraph 61 above]. Further, in its Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson judgment, on the subject of value-added tax, the ECJ stated that, under the ne bis in idem principle, a State can only impose a double penalty [fiscal and criminal] in respect of the same facts if the first penalty is not criminal in nature”[10]…[sottolinear ta’ din il-Qorti]

……… Omissis ………

“74. Imiss issa li jigi ezaminat jekk giex vjolat id-dritt fundamentali tal-attur, li ma jigix sentenzjat jew kastigat darbtejn ghall-istess fatti, bit-tehid ta’ proceduri penali kontra tieghu meta kienu diga’ imposti fuqu multi amministrattivi minn naha tal-Kummissarju.

“75. Jirrizulta kif ben osservat l-ewwel Qorti, illi l-Kap. 406 jikkontempla li persuna registrata li tonqos milli tipprezenta d-denunzji fil-hin, tehel multi amministrattivi sostanzjali u imghax fuqhom. Ukoll jinsab assodat fil-gurisprudenza Ewropea kostanti in materja[11] illi, in kwantu l-multi amministrattivi jew penalitajiet u l-imghax fuqhom huma intizi sabiex iservu ta’ deterrent u bhala mizuri punitivi u kemm-il darba dawn ikunu f’ammonti sostanzjali allura jikkwalifikaw bhala ‘*criminal penalty*’.

“76. Huwa dan il-fattur ta’ konkorrenza tal-multi amministrattivi u multi imposti mill-qrati kriminali li setà jwassal ghall-vjolazzjoni tal-principju tan-ne bis in idem … … …

“77. … … ... fil-fehma ta’ din il-Qorti dak li huwa vjolattiv tal-principju tan-ne bis in idem mhumiex il-proceduri kriminali wahedhom izda l-fatt li dawn il-proceduri kienu ttiehdu fl-istess zmien li fih il-Kummissarju kien diga’ impona fuq l-attur multi amministrattivi sostanzjali ghall-istess nuqqas li kien jifforma l-mertu tal-proceduri kriminali.

39. Fil-kaz odjern jirrizulta minn Dok PS1, kif ukoll mid-diversi xhieda mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni[12] illi ghall-istess nuqqas, jigifieri ghall-inottemperanza tieghu illi jissottometti d-denunzji relattivi ghal diversi perjodi bejn Gunju 2003 u Marzu 2009, ir-rikorrent mhux biss wehel

[10] Applic No 18640/10; Grande Stevens v. Italy, 7 ta’ Lulju 2014.
[11] Vide fost ohrajn **Ozturk v. Germany** App No 8544/79 [1984] u **Ruotsalainen v. Finland** App No 13079/03 [2009] u **Grande Stevens v. Italy** su-citata.
[12] Vide xhieda ta’ Alfred Caruana Pettet a fol. 88

multi amministrattivi sostanzjali[13] li jikkwalifikaw bhala ta' natura penali, in kwantu intizi sabiex iservu ta' punizjoni u ta' deterrent, izda ttiehdu wkoll proceduri kriminali kontra tieghu, li wasslu ghal kundanni kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati.[14]

40. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li, ladarba ghan-nuqqas tar-rikorrent kienu qed jigu imposti multi amministrattivi sostanzjali, allura l-proceduri gudizzjarji mehuda kontra tieghu kienu vjolattivi tal-principju protett bl-artikolu konvenzjonali fuq citat. Din il-Qorti tirribadixxi li l-Artikolu 83(3) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta[15] huwa inkonsistenti mal-Artikolu 4 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu dak is-subinciz jiprospetta proprju sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn persuna, oltre l-impozizzjoni ta' multa amministrattiva sostanzjali, tigi sottoposta wkoll ghal proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar l-istess nuqqas.

41. Inoltre jigi osservat li, il-fatt illi r-rikorrent seta' jibbenifika minn skema ta' amnestija, ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni kontenuta fil-paragrafu precedenti, in kwantu li l-vjolazzjoni kienet gja` sehhet bit-

---

[13] Para. 4

[14] Vide sentenza tas-26 ta' April 2006 a fol. 65 u sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009 a fol. 69.

[15] Dan jipprovdi:

'(3) Il-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' piena għal xi reat taħt din it-Taqsima ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taħt xi liġi oħra jew mill-obbligu ta' ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva li għandha jew li jista' jkollha taħt dan l-Att u l-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' xi piena għal xi reat taħt xi liġi oħra jew il-ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva taħt dan l-Att ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn xi prosekuzzjoni jew piena taħt din it-Taqsima.'

tehid tal-proceduri gudizzjarji meta kienu gja` imposti fuqu l-multi amministrattivi. Se mai dan in-nuqqas da parti tieghu jista' jkollu relevanza fil-konsiderazzjonijiet tar-rimedju.

42. Rigward it-talba tal-intimati ghar-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddecidiet li tilqa' parti mit-tielet talba u iddikjarat li *"bl-impozizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ta' imghax u penali amministrattivi skont id-dispozizzjonijiet …. tal-Kap. 406 … sar ksur tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Seba' tal-Konvenzjoni…"* din il-Qorti tosserva li l-ksur ma sehhx minhabba l-impozizzjoni tal-multi amministrattivi u imghaxijiet fuqhom, izda sehh bil-ftuh tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent fiz-zmien meta kienu digà gew imposti fuqu dawk il-multi. Huma ghalhekk il-proceduri kriminali li jmorru kontra l-principju tan-*ne bis in idem* sancit fl-artikolu precitat u mhux il-multi amministrattivi u l-imghaxijiet fuqhom.

43. Ghalhekk tirrizulta gustifikata t-talba maghmula mill-intimati ghar-revoka ta' dik il-parti tat-tielet talba li fiha l-ewwel Qorti iddikjarat illi bl-imposizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ta' imghax u penali amministrattivi skont il-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sar ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

44. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jintlaqa' fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

Ir-Raba' Aggravju

45. Dan jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet it-talba numru 11 u ordnat it-thassir tas-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll id-digrieti moghtija mill-istess Qorti li jikkoncernaw il-konverzjoni tal-multi imposti minn dik il-Qorti fi prigunerija. L-intimati jsostnu li fic-cirkostanzi tal-kaz ebda rimedju ma hu dovut stante li hawn si tratta ta' flejjes dovuti lid-Direttur mir-rikorrent li min-naha tieghu digà gabar minghand il-konsumaturi u li sallum dawn il-flus ghadhom ma thallsux. Dan il-fatt wahdu jikkostitwixxi r-reat ta' approprijazzjoni indebita serja. Barra minnhekk ir-rikorrent ghazel li ma jibbenefikax mill-iskema mahruga fis-sena 2012 fuq indikata.

46. Jissottomettu ghalhekk illi anke kieku l-Qorti kellha ssib ksur tad-drittijiet fundamentali, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun rimedju gust u effettiv bizzejjed.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

47. Il-Qorti tosserva li d-duplicità tal-proceduri kontra l-attur li irrizultaw f'impozizzjoni kemm ta' multi amministrattivi u kundanni fi proceduri penali ittiehdu abbazi tal-Artikolu 83[3] fuq citat li, kif digà

deciz[16] minn din il-Qorti jiprospetta sitwazzjoni, bhal dik in ezami, li tilledi l-principju tan-*ne bis in idem.*

48. Ghaldaqstant dak li qed jissottomettu l-intimati li dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent hija bizzejjed u tieqaf hemm huwa anti guridiku ghax ikun ifisser li [1] ir-rikorrent ma jkunx inghata rimedju effettiv ghal-lezjoni subita minnu, u [2] li din il-Qorti tkun qed tippermetti il-kontinwazzjoni tal-vjolazzjoni subita. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li r-rimedju ewlieni fil-kaz odjern huwa t-thassir ta' dak li jikkostitwixxi vjolazzjoni, jigifieri s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u d-digrieti relattivi ghall-konverzjoni tal-multa fi prigunerija moghtija mill-istess Qorti tal-Magistrati.

49. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

<u>Decide</u>

Ghaldaqstant tiddeciedi billi: tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u, minflok, tilqa' dik l-eccezzjoni u tillibera lill-Onorevoli Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju; tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet parti mit-tielet talba billi ddikjarat illi bl-impozizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ta' imghaxijiet u penali amministrattivi skont id-

[16] Kos. **David Mifsud v. Onor.Prim Ministru** [supra]

dispozizzjonijiet citati mir-rikorrent tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sar ksur tal-Artikolu Erbgha (4) tal-Protokoll Seba' (7) tal-Konvenzjoni; tichad il-kumplament tal-appell tal-intimati.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu invarjati hlief dawk tal-Prim Ministru li jkunu a karigu tal-attur filwaqt li dawk tal-appell odjern jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Silvio Camilleri	Giannino Caruana Demajo	Noel Cuschieri
Prim Imhallef	Imhallef	Imhallef

Deputat Registratur
df